



European Asylum Support Office

EASO

Rapport Ġenerali

Annwali 2019

Ġunju 2020





EASO

Rapport Ġenerali

Annwali 2019

Ġunju 2020

SUPPORT IS OUR MISSION

Dan ir-rapport ġenerali annwali jiddeskrivi l-attivitajiet tal-EASO fl-2019 u jitħejja skont l-Artikolu 29(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil.

Ir-rapport ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija tal-EASO fid-9 ta' Ġunju 2020, u ntbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz tal-Awditjar Intern u lill-Qorti tal-Awdituri.

Ir-rapport ġenerali annwali huwa dokument pubbliku u jiġi tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

La l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EASO ma huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

Print	ISBN 978-92-9485-592-3	ISSN 2467-3668	doi:10.2847/45987	BZ-AD-20-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9485-569-5	ISSN 2314-9981	doi:10.2847/93581	BZ-AD-20-001-MT-N

© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, 2020

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EASO, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Werrej

Lista ta' abbrevjazzjonijiet	4
Daħla	5
1. Appoġġ operazzjonali	7
1.1 <i>Il-Greċja</i>	7
1.2 <i>L-Italja</i>	9
1.3 <i>Ċipru</i>	12
1.4 <i>Malta</i>	13
1.5 <i>Dimensjoni esterna</i>	14
2. L-ippjanar tal-operazzjonijiet, l-evalwazzjoni u l-għodod ta' appoġġ	19
2.1 <i>Appoġġ operazzjonali u għodod operazzjonali</i>	19
2.2 <i>L-ippjanar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet</i>	20
2.3 <i>It-taħriġ operazzjonali</i>	20
2.4 <i>Appoġġ ta' kwalità għall-operazzjonijiet</i>	21
3. Informazzjoni, analiżi u żvilupp tal-għarfien	23
3.1 <i>Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI)</i>	23
3.2 <i>Gwida għall-pajjiż</i>	24
3.3 <i>Il-hub tad-data tal-EASO</i>	25
3.4 <i>Programm ta' riċerka dwar it-twissija bikrija u l-kawżi ewlenin</i>	26
3.5 <i>Analiżi strateġika</i>	27
3.6 <i>Sistema ta' informazzjoni u dokumentazzjoni</i>	28
3.7 <i>Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE</i>	29
4. It-Taħriġ	31
4.1 <i>Il-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO</i>	31
4.2 <i>Ċertifikazzjoni u akkreditazzjoni</i>	33
4.3 <i>It-tagħlim elettroniku u l-appoġġ didattiku</i>	33
4.4 <i>Appoġġ ieħor għat-taħriġ</i>	34
5. Appoġġ għall-asil	35
5.1 <i>Il-proċessi tal-asil</i>	35
5.2 <i>In-networks ta' kooperazzjoni Prattika</i>	36
5.2.1 <i>In-Network tal-EASO dwar il-Gruppi Vulnerabbli</i>	36
5.2.2 <i>In-Network tal-EASO tal-Unitajiet ta' Dublin</i>	37
5.2.3 <i>In-Network tal-EASO tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza</i>	39
5.2.4 <i>In-Network tal-EASO dwar l-Esklużjoni</i>	40
5.3 <i>Il-kooperazzjoni mal-membri tal-qradi u tat-tribunali</i>	41
6. Attivitajiet orizzontali	44
6.1 <i>Il-forum konsultattiv u s-soċjetà ċivili</i>	44
6.2 <i>Il-komunikazzjoni u l-avvenimenti tal-EASO</i>	44
6.3 <i>Ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati</i>	45
7. Governanza	47
Annessi	49
A.I: <i>L-organigramma tal-EASO</i>	49
A.II: <i>Il-baġit tal-EASO fl-2019</i>	50
A.III: <i>Il-persunal tal-EASO</i>	52

Lista ta' abbrevjazzjonijiet

AIP	Riżerva ta' Intervent għall-Asil
AST	tim ta' appoġġ fil-qasam tal-asil
CAWG	Grupp ta' Ħidma dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Akkreditazzjoni
CEPOL	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
COI	informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini
DGMM	Direttorat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (it-Turkija)
EASO	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil
EMN	Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni
EPRA	Pjattaforma Ewropea għall-Aġenziji ta' Akkoljenza
EPS	Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tnejnija
EUAA	Aġenzija tal-UE għall-Asil
eu-LISA	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
Eurojust	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
FRA	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali
Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
ĠAI	ġustizzja u affarijiet interni
GAS	Servizz tal-Asil Grieg
IDS	Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni
IOM	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni
MedCOI	informazzjoni medika tal-pajjiż ta' oriġini
NCP	punt ta' kuntatt nazzjonali
OSĊ	organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili
PSP	programmi ta' sponsorizzazzjoni privata
QĠUE	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
RIS	Servizz ta' Akkoljenza u ta' Identifikazzjoni
SEKA	Sistema Ewropea Komuni tal-Asil
SOP	proċedura operattiva standard
SSP	pjan speċjali ta' appoġġ
UAM	minorenni mhux akkumpanjati
UE	Unjoni Ewropea
UE+	Stati Membri tal-UE u pajjiżi assoċjati
UNHCR	Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati

Daħla



Nina Gregori
Direttur Eżekuttiv tal-EASO

Meta assumejt il-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) fis-16 ta' Ġunju 2019, kont konvinta li jekk nibnu fuq prinċipji ta' governanza tajba, l-EASO kellu l-potenzjal li jevolvi, filwaqt li jkompli jimplimenta l-programm ta' ħidma ambizzjuż tiegħu. F'konformità ma' din il-viżjoni, abbażi tal-prijoritajiet identifikati għall-EASO, jiena pproponejt struttura organizzazzjonali ġdida għall-EASO, li sussegwentement ġiet approvata mill-Bord ta' Tmexxija tal-EASO fis-26 ta' Novembru 2019.

Din l-istruttura l-ġdida, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020, tirrifletti t-tliet oqsma ta' priorità għall-iżvilupp futur tal-EASO: it-tisħiħ tar-rwol operazzjonali tal-EASO; l-intensifikar tat-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tiegħu għall-esperti fil-qasam tal-asil; u l-konferma tar-rwol tal-EASO bħala ċentru veru ta' għarfien u għarfien espert dwar l-asil. L-istruttura l-ġdida hija mmudellata fuq approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet għall-ippjanar, inklużi r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa għat-tisħiħ tal-governanza interna tal-EASO, bħall-ippjanar korporattiv, il-kontroll intern u l-kontroll *ex post*, l-awditi, l-affarijiet legali, u l-kwalità, fost oħrajn.

Din is-sena timmarka l-għaxar anniversarju mill-adozzjoni tar-regolament ta' twaqqif tal-EASO fid-19 ta' Mejju 2010; żmien tajjeb biex inħarsu lura u naraw sa fejn wasalna bħala aġenzija fit-twertiq tal-mandat tagħna. Bħala ċentru ta' għarfien espert, il-missjoni tal-EASO hija li jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika, jistimula l-iskambju ta' informazzjoni, jiżgura l-konverġenza fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni fl-Istati Membri, u jipprovdi assistenza operazzjonali u teknika lill-Istati Membri soġġetti għal pressjoni fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom.

L-attivitajiet tal-EASO fl-2019 ġew iddisinjati u mfassla apposta biex jissodisfaw il-ħtiġijiet fil-post — fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, u biex jirrispondu b'mod effettiv għax-xejriet li qed jevolvu fil-migrazzjoni u l-asil. Dawn il-ħtiġijiet sawru wkoll il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali tal-EASO.

L-appoġġ operazzjonali jibqa' komponent ewlieni tal-attivitajiet tal-EASO, li jammonta għal aktar minn 40 % tal-baġit annwali tal-EASO għall-2019. L-EASO kompli jespandi gradwalment l-appoġġ operazzjonali tiegħu lill-Istati Membri, kemm fil-livell tal-assistenza pprovduta, kif ukoll fid-daqs tal-operazzjonijiet tiegħu. Fl-2019 biss, l-EASO kkoordinata aktar minn 900 membru tal-persunal, li ġew stazzjonati fi 88 post fil-Greċja, fl-Italja, f'Ċipru u f'Malta. L-EASO appoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-isforzi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri fil-qafas tal-iskemi Ewropej ta' risistemazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, l-UNHCR u atturi oħra.

L-għarfien espert użat fl-għoti ta' appoġġ tekniku jipprovdi sors siewi ta' output, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni ta' materjal dwar il-pajjiżi tal-orġini u ta' gwidi; il-ġbir, l-analiżi u d-distribuzzjoni tad-*data* dwar l-asil; l-iżvilupp ta' għodod prattiċi biex jinkisbu standards komuni u proċessi ta' kwalità għolja; l-għoti ta' pariri dwar l-obbligi legali, l-immappjar ta' prattiki fi Stati Membri differenti, u l-iffaċilitar ta' networks ta' għarfien espert f'oqsma differenti tal-asil.

L-EASO kompli wkoll jipproduċi moduli ta' taħriġ ġodda, u jaġġorna dawk eżistenti, li jwieġbu għal żviluppi ġodda u bidliet fil-qasam tal-asil tal-UE. It-taħriġ tal-uffiċjali nazzjonali tal-asil żgura applikazzjoni ta' livell għoli komuni tal-istandards tas-SEKA. Abbażi ta' sistema komuni ta' taħriġ vokazzjonali li tkopri l-aspetti ewlenin tal-proċedura tal-asil, l-EASO kompli jipprovdi taħriġ lil madwar 6 630 persuna fl-2019 biss, inkluż permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ għal dawk li jħarrġu.

Sadanittant, l-EASO qed ikompli jibni t-tnejn tiegħu għall-mandat il-ġdid tiegħu skont ir-regolament futur dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA), biex jiżgura li l-aġenzija tkun operazzjonali ladarba r-regolament il-ġdid jidħol fis-seħħ. Il-mandat il-ġdid se jassenja kompiti ġodda lill-aġenzija, filwaqt li jsaħħaħ ir-rwol tagħha bħala ċentru ta' għarfien espert u ta' appoġġ, biex b'hekk tkun tista' taqdi rwol aktar b'saħħtu fl-implimentazzjoni tas-SEKA.

1. Appoġġ operazzjonali

Aktar minn 714 200 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ġew ippreżentati fl-UE+ fl-2019: żieda ta' 13 % fuq l-2018 ⁽¹⁾. Din ix-xejra 'l fuq kienet diġà osservata fil-ħarifa tal-2018, u kompliet għaddejja fl-2019. B'konsistenza max-xejriet tal-passat, kien hemm ħafna aktar applikazzjonijiet għall-asil milli detezzjonijiet fil-fruntiera esterna (il-proporzjon kien ta' 5 għal 1). Din iż-żieda hija dovuta l-aktar għan-numru kbir ħafna ta' applikanti li huma eżentati mill-ħtieġa tal-viża meta jidħlu fiż-żona Schengen, li jispjega għaliex l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali żdiedu iżda naqsu d-detezzjonijiet ta' dħul illegali fil-fruntiera esterna. Dawn l-applikanti mingħajr viża kienu fil-biċċa l-kbira mill-Amerka Latina u flimkien ma' ċittadini mill-Venezwela, kienu jinkludu ċittadini mill-Kolombja, minn El Salvador u mill-Honduras.

B'mod ġenerali, sebgħa minn kull għaxar applikazzjonijiet ġew ippreżentati f'ħames pajjiżi biss tal-UE+, filwaqt li l-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE+ irċewew aktar applikazzjonijiet milli fl-2018. Din kienet l-ewwel darba li l-volum tal-applikazzjonijiet għall-asil żdied (fuq bażi annwali) mill-2015. Minkejja din iż-żieda fiċ-ċifri, in-numri baqgħu ferm baxxi meta mqabbla maċ-ċifri tal-kriżi tal-2015–2016.

Skont il-mandat tiegħu ⁽²⁾, l-EASO kompli jipprovidi appoġġ operazzjonali mfassal apposta għall-Istati Membri soġġetti għal pressjoni partikolari fuq is-sistemi tal-asil u l-akkoljenza tagħhom. Fuq talba tal-Greċja, l-Italja, Ċipru u Malta, ġew implimentati miżuri ta' appoġġ mill-EASO abbażi ta' miżuri maqbuli stabbiliti fi pjanijiet operazzjonali tal-pajjiżi li dwarhom kien hemm qbil reċiproku.

Minbarra l-appoġġ ipprovdut permezz ta' dawn il-pjanijiet operazzjonali, l-EASO kien involut ukoll fil-qafas ta' eżerċizzji ta' żbark u ta' rilokazzjoni volontarja *ad hoc*. Dawn l-attivitajiet twettqu matul is-sena fl-Italja u f'Malta. Matul il-proċess, l-EASO ħadem mill-qrib skont il-qafas stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea.

L-EASO, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, żviluppaw b'suċċess il-“mudell ta' Messina”, li jiddefinixxi l-bażi

ġuridika għal operazzjonijiet bħal dawn (skont l-Artikolu 17(2) ta' Dublin) u jinkludi qbil dwar ir-rekwiżit li l-wasliet kollha jiġu rreġistrati bħala applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fis-sistemi nazzjonali rispettivi u fis-sistema Ewropea għat-tqabbil ta' *data* dattiloskopika ta' persuni li jfittxu l-asil (Eurodac). Dan ikopri wkoll l-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla u ta' tqabbil, użati biex jiffaċilitaw it-tqabbil tal-applikanti mal-wegħdi tal-Istati Membri.

Wara d-Dikjarazzjoni ta' Malta, ġew konklużi wkoll SOPs tekniċi, b'kontribut mill-EASO, li komplew jiddefinixxu u jorbtu r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-atturi kollha fil-qafas tal-iżbarki u r-rilokazzjonijiet volontarji. L-EASO appoġġa b'mod speċifiku 24 avveniment bħal dan fl-2019, li kienu jinvolvu 2 716-il applikant.

1.1 Il-Greċja

Il-Pjan Operazzjonali tal-2019 għall-Greċja

L-appoġġ lill-Greċja kompli skont il-kamp ta' applikazzjoni u l-attivitajiet definiti fil-Pjan Operazzjonali tal-2019. It-Timijiet ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ASTs) tal-EASO stazzjonati fis-Servizz tal-Asil Grieg (GAS) u fl-Awtorità tal-Appelli ġġeneraw effiċjenza akbar fl-implimentazzjoni tal-proċedura tal-asil. Is-Servizz ta' Akkoljenza u ta' Identifikazzjoni (RIS) ingħata appoġġ ukoll fil-koordinazzjoni, il-ġestjoni u l-operat ġenerali taċ-ċentri ta' akkoljenza tiegħu.

L-EASO pprova appoġġ dejjem akbar lill-awtoritajiet Griegi fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali; fit-titjib tal-aċċess għall-proċedura; u fit-titjib tal-kapaċità tal-awtoritajiet li jiġġestixxu s-siti ta' akkoljenza allokatu fil-pajjiż kollu. L-EASO assista wkoll fl-ipproċessar ta' numru dejjem jidied ta' talbiet ta' Dublin mibgħuta inġenerali u ffaċilita l-għoti ta' informazzjoni essenzjali lill-applikanti għall-asil.

⁽¹⁾ Fl-2019, l-UE+ kienet magħmula minn 28 Stat Membru tal-UE flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera. Id-*data* ta' kull xahar dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali kienet disponibbli għal 30 pajjiż tal-UE+ sa Settembru u għal 29 pajjiż tal-UE+ minn Ottubru 'l quddiem.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, ĠU L 132, 29.5.2010.



Timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-aSil, it-Tramuntana tal-Greċja.

L-EASO appoġġa b'mod sinifikanti lis-Servizz tal-Asil Grieg (GAS) u lill-Awtorità tal-Appelli skont il-Pjan Operazzjonali tal-2019, billi pprova assistenza f'waqtha u effettiva fl-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-asil fil-fruntiera u dawk regolari applikabbli fil-Greċja kontinentali u fil-gżejjer. Fl-2019, l-uffiċjali ta' reġistrazzjoni tal-EASO wettqu aktar minn 40 000 (*) reġistrazzjoni — inklużi prereġistrazzjonijiet — b'hekk iffaċilitaw l-aċċess għall-proċedura tal-asil. It-Timijiet ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (ASTs) magħmula minn esperti tal-Istati Membri u persunal rekrutat lokalment wettqu aktar minn 8 000 intervista u fasslu aktar minn 9 000 (**) rimarka konklużiva dwar każijiet ta' asil.



Timijiet ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil tal-EASO, il-gżejjer Griegi

Barra minn hekk, fl-istadju tal-ewwel istanza, l-EASO saħħaħ il-kapaċità tal-Unità ta' Dublin tal-GAS bl-istazzjonament ta' persunal inkorporat li indirizza talbiet li jinvolvu 3 000 persuna. Fit-tieni istanza, l-EASO bagħat uffiċjali tar-riċerka (relaturi legali) fil-kuntest tal-appoġġ ipprovdut lill-Awtorità tal-Appelli. Bl-appoġġ tagħhom, ġie ppreżentat numru dejjem jikber ta' kitbiet dwar appelli (madwar 2 000 appellant) meta mqabbel mal-2018, kontra deċiżjonijiet tal-ewwel istanza mill-Kumitati tal-Appelli indipendenti kompetenti tal-EASO.

(*) EASO Operational Analysis — Greece 2019.

(**) EASO Operational Data.

(*) EASO Operational Analysis — Greece 2019.

(**) EASO Operational Data.

Għoti ta' informazzjoni

L-informazzjoni hija għodda importanti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-proċeduri tal-asil. Għal darb'oħra fl-2019, l-EASO kellu rwol ċentrali fl-għoti tal-informazzjoni. L-esperti tal-Istati Membri stazzjonati bħala timijiet ta' informazzjoni mobbli wettqu aktar minn 300 żjara fuq il-post u appoġġaw il-hotline dedikat, billi wieġbu aktar minn 30 000 (*) mistoqsija. F'Mejju 2019, l-EASO għadda l-kompitu tal-għoti ta' informazzjoni f'idejn l-awtoritajiet Griegi responsabbli preżenti fil-ħames gżejjer u ħarreġ 16-il membru tal-persunal rekrutati lokalment.



Għoti ta' informazzjoni fuq il-kontinent, 2019

B'aktar minn 500 (**) persunal stazzjonati taħt profili differenti, l-EASO pprova appoġġ kontinwu lill-awtoritajiet Griegi matul l-2019, bl-applikazzjoni tal-interoperabbiltà filwaqt li adatta l-appoġġ operazzjonali tiegħu sabiex jibqa' orjentat lejn ir-riżultati.

Waħda mill-isfidi ewlenin li nqalgħu fl-implimentazzjoni tal-pjan operazzjonali tal-2019 kienet it-tnaqqis fin-nomini ta' esperti nazzjonali tal-Istati Membri biex jimlew profili speċifiċi, kif definit u deskritt fis-Sejħa għall-Esperti. Sfida oħra hija n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' esperti tal-Istati Membri għall-istazzjonamenti fit-tul (għal diversi xhur), speċjalment matul il-perjodi ta' ammonti kbar ta' wasliet.

Akkoljenza

L-EASO kompli jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali tal-akkoljenza bl-istazzjonament ta' uffiċjali speċjalizzati fil-protezzjoni tat-tfal u uffiċjali tal-akkoljenza fil-gżejjer kollha. L-esperti dwar il-minorenni mhux akkumpanjati kkontribwixxew għall-iżvilupp tal-Qafas Nazzjonali ta' Monitoraġġ tal-Akkoljenza (NRFM) u appoġġaw it-tnedija ta' helpdesk għall-akkoljenza.

Għall-ewwel darba, il-pjan operazzjonali tal-2019 kien jinkludi żewġ miżuri speċifiċi mmirati lejn it-titjib tas-sistema ta' akkoljenza nazzjonali permezz tal-istazzjonament ta' esperti u persunal interim tal-Istati Membri u l-forniment ta' taħriġ relatat fil-livell lokali u ċentrali. L-EASO kkontribwixxa wkoll għall-finalizzazzjoni u l-pilotaġġ tal-ġhodka tal-Qafas Nazzjonali ta' Monitoraġġ tal-Akkoljenza (NRFM). Fil-livell strateġiku, l-EASO appoġġa wkoll lill-Greċja bil-bini tal-kapaċità sabiex timplimenta strateġija pluriennali ta' finanzjament u akkwist. L-EASO identifika u stazzjona esperti tal-Istati Membri fis-Servizz nazzjonali ta' Akkoljenza u ta' Identifikazzjoni (RIS) biex jikkontribwixxu għall-abbozz ta' proposti ta' proġetti, appoġġa l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u pprova taħriġ lill-persunal nazzjonali biex titjeb is-sostenibbiltà. Fl-akkoljenza tal-ewwel linja, wieħed mill-kontributi ewlenin għas-sena 2019 kien l-istabbiliment ta' Helpdesk għall-Akkoljenza.

- | Aktar minn 40 000 reġistrazzjoni (inkludi prereġistrazzjonijiet) imwettqa mill-uffiċjali tal-EASO.
- | It-Timijiet ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil — magħmula minn esperti tal-Istati Membri u persunal rekrutat lokalment iwettqu aktar minn 8 000 intervista u jfasslu aktar minn 9 000 rimarka konklużiva dwar każijiet ta' asil.
- | Appoġġ lill-Unità ta' Dublin Griega biex tittejjeb il-kapaċità tagħha għal talbiet ta' Dublin mibgħuta, b'aktar minn 230 applikazzjoni pproċessati kull xahar, u output triplu meta mqabbel mal-2018.

Barra minn hekk, ġiet iffinalizzata u tradotta l-ewwel parti tal-manwal tal-akkoljenza, li permezz tagħha ġie ffaċilitat l-aċċess għal-leġiżlazzjoni dwar l-akkoljenza fil-Greċja. Fil-livell lokali fil-gżejjer, ġew stazzjonati timijiet ta' appoġġ magħmula minn persunal speċjalizzat (jiġifieri uffiċjali għall-protezzjoni tat-tfal, uffiċjali tal-akkoljenza) biex jipprovdu għarfien espert dwar il-protezzjoni tat-tfal u kwistjonijiet ta' vulnerabbiltà, filwaqt li ffaċilitaw il-komunikazzjoni mal-komunitajiet fil-kampijiet. Permezz ta' proġetti pilota mmexxija f'Samos u f'żoni sikuri ta' Chios, l-EASO stazzjona esperti fil-każijiet ta' minorenni mhux akkumpanjati (UAMs) biex b'hekk itejjeb il-kapaċità tal-persunal taċ-Ċentri ta' Akkoljenza u ta' Identifikazzjoni (RICs) biex jiżviluppa servizzi għall-UAMs u jtejjeb il-funzjonament ġenerali taż-żoni siguri tar-RIC. Dan huwa element importanti fl-appoġġ tal-EASO, peress li jimmira lejn it-titjib ġenerali tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-benesseri tal-UAMs.

B'appoġġ għall-akkoljenza tat-tieni linja, l-EASO stazzjona persunal biex jassisti fit-trasferiment ta' persuni fit-Tramuntana tal-Greċja u Epirus, kif ukoll fir-referenzi għall-akkomodazzjoni privata, għas-servizzi tat-trasport u/jew għall-proċeduri tal-asil.



Għoti ta' informazzjoni, il-Greċja (Tessaloniki).

Kooperazzjoni futura

Fl-20 ta' Diċembru 2019, l-EASO u l-awtoritajiet Griegi qablu dwar [Pjan ta' Assistenza Operazzjonali u Teknika 2020](#) ġdid. Il-pjan jipprevedi l-irduppjar tal-appoġġ operazzjonali tal-EASO permezz ta' mudell integrat innovattiv, ibbażat fuq ippjanar konġunt mal-GAS u mar-RIS.

1.2 L-Italja

Il-Pjan Operazzjonali tal-2019 għall-Italja

Skont il-pjan tal-2019, l-EASO kompli jipprovdi assistenza teknika u operazzjonali lill-Italja, b'mod partikolari fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, u fit-tiħi tal-kapaċità tal-awtoritajiet Taljani biex jassorbu x-xogħol b'lura ta' każijiet pendenti. Ġie pprovdut appoġġ fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet taħt il-proċeduri Dublin, u fit-tiħi tal-Unità Taljana tal-Infommazzjoni dwar il-Pajjiżi tal-Orġini, kif ukoll tal-ġestjoni tas-sistema ta' akkoljenza tagħha. Barra minn hekk, l-EASO kompli jappoġġa lill-Ombudsperson Taljan għat-Tfal u l-Adolexxenti b'attivitajiet ta' bini ta' kapaċità għat-tuturi voluntiera.

L-EASO ilu jipprovdi appoġġ lill-Italja għal aktar minn sitt snin, inizjalment permezz ta' pjan speċjali ta' appoġġ (SSP), li opera sal-aħħar ta' Marzu 2016, u wara fuq il-bażi ta' pjanijiet operazzjonali annwali maqbula b'mod reċiproku.

Skont il-[Pjan Operazzjonali tal-2019 għall-Italja](#), ittiegħu azzjonijiet biex jissaħħaħ l-għarfien espert tal-awtoritajiet Taljani, u biex tissaħħaħ il-kapaċità

tagħhom biex jassorbu x-xogħol b'lura tal-każijiet pendenti fl-istadji ta' reġistrazzjoni u ta' determinazzjoni, permezz tal-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u l-indirizzar tal-każijiet ta' Dublin. L-EASO assista wkoll fl-iżvilupp ta' flussi ta' ħidma u metodoloġiji sostenibbli dwar l-asil u l-akkoljenza; fit-tisħiħ tal-Unità tas-COI Taljana u f'attivitajiet magħżula tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Asil; u fil-kontribut għall-oqfsa ta' ġestjoni u monitoraġġ tas-sistema ta' akkoljenza nazzjonali permezz tad-Dipartiment tal-Libertajiet Ċivili u l-Immigrazzjoni.

| 19 722 reġistrazzjoni tal-asil appoġġati mill-ASTs tal-EASO

| 26 933 fajl għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Kummissjonijiet Territorjali u 38 761 fajl għall-fażi ta' qabel l-intervista.


| Tnaqqis ta' aktar minn 30 000 każ pendenti riportati minn nofs l-2016.

L-EASO u l-Ombudsperson Taljan għat-tfal u l-adolexxenti (AGIA) komplew jaħdmu flimkien fuq attivitajiet ta' bini tal-kapaċità għat-tuturi voluntiera.

Skont il-Klawżola ta' Flessibbiltà tal-Pjan Operazzjonali għall-Italja, l-EASO assista wkoll fi żbarki *ad hoc*

u f'rilokazzjoni volontarja fi 17-il avveniment separat, f'konformità mal-“mudell ta' Messina” u mal-SOPs tekniċi sussegwenti tad-Dikjarazzjoni ta' Malta.

Fi sforz biex jitnaqqas ix-xogħol b'lura tal-każijiet pendenti, l-ASTs tal-EASO assistew fir-reġistrazzjoni ta' 19 722 applikant għall-asil f'25 ufficiċċju lokali tal-pulizija (Questure). Barra minn hekk, l-ASTs stazzjonati f'35 Kummissjoni Territorjali, appoġġaw it-tnejn u l-ipproċessar ta' 26 933 fajl għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u 38 761 fajl għall-fażi ta' qabel l-intervista. L-istess livell ta' appoġġ ġie pprovdut fil-fażi tat-tilwim, li kienet tkopri madwar 14 000 persuna (*). Matul l-2019, il-volum ta' deċiżjonijiet tal-ewwel istanza maħruġa kien konsistentement ogħla min-numru ta' applikazzjonijiet ippreżentati. Dan irriżulta fi tnaqqis rapidu tax-xogħol b'lura tal-każijiet pendenti riportati minn nofs l-2016. Fl-aħħar ta' Diċembru 2019, inkiseb tnaqqis importanti ta' madwar 30 000 każ bl-appoġġ tal-EASO, li jikkorrispondi għal tnaqqis ta' aktar minn terz tax-xogħol b'lura tal-2018 (*), meta f'dak iż-żmien, l-Italja kienet ikklassifikata l-ewwel fost il-pajjiżi tal-UE+ f'termini ta' każijiet pendenti (82 311-il każ (*)). Dan ix-xogħol kien ikkomplementat minn aktar appoġġ strutturali mill-EASO mmirat lejn it-titjib tal-kwalità tal-flussi tax-xogħol u l-metodoloġiji użati lokalment. Għal dan il-għan, l-EASO ħareġ żewġ Manwali dwar *Good Practices for registration* u *Case-management at first instance, including Dublin cases*.



L-evalwazzjoni tal-azzjoni ta' appoġġ tal-EASO fl-2019

L-EASO flimkien mal-UNHCR, ħareġ 351 ufficiċċjal pubbliku Taljan dwar il-fażi ta' reġistrazzjoni tal-proċedura tal-asil, kif ukoll dwar l-identifikazzjoni u l-ipproċessar tal-każijiet ta' Dublin. Barra minn hekk, 49 ufficiċċjal pubbliku attendew 12-il sessjoni ta' taħriġ

għal min iħareġ dwar l-għoti ta' informazzjoni, it-traffikar tal-bnedmin, u d-determinazzjoni tal-istatus, fost oqfsa tematiċi oħrajn.

(*) EASO Operational Analysis — Italy 2019.

(*) EASO Operational Analysis — Italy 2019.

(*) Data pprovduta mill-Italja taħt is-sistema ta' ġbir ta' data tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u Thejġija (EPS).

- | 12-il attività ta' taħriġ organizzati għal 351 uffiċjal pubbliku Taljan.
- | 12-il sessjoni ta' taħriġ għal min iħarreġ għal 49 uffiċjal pubbliku.
- | 6 sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-proċeduri ta' akkoljenza u l-kwalità tas-servizzi ta' akkoljenza għall-UAMs.

L-EASO kompla jipprovdi appoġġ strutturali għat-tiżniħ ulterjuri tal-awtoritajiet tal-akkoljenza Taljani u ta' sistemi nazzjonali relatati, u l-iżvilupp kontinwu ta' oqfsa nazzjonali ta' monitoraġġ tal-akkoljenza. L-EASO appoġġa wkoll lill-*iStruttura di Missione* fl-organizzazzjoni ta' sitt sessjonijiet ta' taħriġ għall-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' akkoljenza u l-kwalità tas-servizzi ta' akkoljenza għall-minorenni mhux akkumpanjati (UAMs) fit-territorju nazzjonali kollu. B'kollox attendew 217-il parteċipant għal dawn is-sessjonijiet. L-EASO appoġġa wkoll lill-AGIA fl-organizzazzjoni ta' tliet sessjonijiet ta' taħriġ għall-kandidati bħala tuturi voluntiera tal-UAMs, u għet żviluppata pjattaforma ta' tagħlim elettroniku biex dan it-taħriġ jiġi standardizzat b'mod sostenibbli.

Fl-2019, l-EASO appoġġa 17-il avveniment ta' żbark/ rilokazzjoni volontarji *ad hoc* f'isem l-Istati Membri li qed jagħmlu wegħdiet, flimkien mal-awtoritajiet Taljani u taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-kapaċità tal-EASO li jadatta għal ambjent li qed jinbidel malajr intweriet matul dawn l-avvenimenti hekk kif l-EASO wettaq madwar 1 300 intervista, bl-istazzjonament tal-ASTs tiegħu fi żmien 24/48 siegħa mit-talba inizjali. Minbarra l-involvement tiegħu fil-proċedura ta' reġistrazzjoni, il-kompiti ewlenin tal-EASO kienu jinkludu appoġġ għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' SOPs tekniċi li pprovdew il-bażi għall-proposta ta' listi ta' distribuzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, li kienet responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali tal-wegħdiet tal-Istati Membri u mill-proċess ta' rilokazzjoni sussegwenti.

In-numri insuffiċjenti tal-esperti tal-Istati Membri u tat-tul ta' żmien tagħhom meta mqabbla mal-ftiġijiet stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali għall-Italja, minbarra l-ostakli lingwistiċi li jiffaċċjaw dawn l-esperti meta jaħdmu direttament mal-awtoritajiet lokali, ġiegħel lill-EASO jiddependi ħafna minn servizzi interim għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet maqbula. Matul l-2019, minn 295 stazzjonament fl-Italja, 64 kienu esperti li oriġinaw minn 16-il pajjiż tal-UE+, 11 kienu persunal tal-EASO, u l-220 l-oħra kienu ħaddiema temporanji. 360 medjatur kulturali appoġġaw ukoll ir-reġistrazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-asil u eżerċizzji ta' żbark/ rilokazzjoni volontarja *ad hoc*.



Tim tal-EASO jappoġġa l-proċedura ta' rilokazzjoni volontarja

Mill-bidu tas-sena, l-EASO wieġeb malajr għal avvenimenti ġodda ta' żbark ladarba ġew stabbiliti rilokazzjonijiet volontarji *ad hoc* wara t-tmiem tal-programm ta' rilokazzjoni tal-UE fl-2018. L-isfida ewlenija kienet it-tfassil ta' fluss ta' xogħol ġdid u li jkun hemm qbil dwar proċedura ġdida mal-atturi rilevanti kollha, inklużi l-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, u l-awtoritajiet Taljani. Sabiex ikun hemm reazzjoni rapida, l-EASO stazzjona mill-ġdid ir-riżorsi umani b'appoġġ għall-*Questure* biex jassistu fil-proċeduri ta' żbark, xi drabi b'aktar minn avveniment wieħed iseħħu simultanjament (l-aktar minn Awwissu sa Novembru 2019), u dan ħoloq stress fuq l-implimentazzjoni loġistika tal-miżuri eżistenti fi ħdan il-pjan operazzjonali. Tfasslu u ġew implimentati linji gwida u flussi ta' xogħol ċari għall-appoġġ mill-EASO, li ffaċilitaw il-proċess tal-allokazzjoni ta' riżorsi ġodda lit-tim, filwaqt li żguraw il-kwalità u l-konsistenza tal-attivitajiet. Tim mobbli msaħħaħ *ad hoc* kien iddedikat għal din l-attività taħt il-**Pjan Operazzjonali tal-2020 għall-Italja**.

Kooperazzjoni futura

Fil-11 ta' Diċembru 2019 ġie ffirmat Pjan Operazzjonali ġdid għall-Italja. Il-pjan tal-2020 ikompli jibni fuq l-appoġġ operazzjonali eżistenti tal-EASO lill-Italja b'enfasi fuq appoġġ ġdid għal tnaqqis tax-xogħol b'lura tat-tieni istanza permezz ta' appoġġ akbar lit-tribunali fl-Italja kollha u l-bini tal-kapaċità u t-tiżniħ tal-kwalità tas-sistemi tal-asil u l-akkoljenza. Il-pjan għalhekk jinkludi appoġġ għall-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-asil; it-titjib tal-kwalità tas-sistema Taljana tal-akkoljenza; it-tnaqqis tax-xogħol b'lura ta' każijiet ta' asil f'sezzjonijiet speċjalizzati tat-tribunali; l-appoġġ għall-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet Taljani tal-asil; it-titjib tal-effiċjenza u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri u l-għbir tad-data permezz tas-sistemi tal-informazzjoni.

1.3 Ċipru

L-EASO u Ċipru jiffirmaw il-Ftehim ta' Ospitalità Fid-19 ta' Settembru 2019, l-EASO u Ċipru ffirmaw Ftehim ta' Ospitalità li jirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tal-appoġġ operazzjonali tal-EASO lil Ċipru, f'konformità mal-Pjan Operazzjonali maqbul. Il-Ftehim ta' Ospitalità jippermetti lill-EASO jkompli jipprovdi appoġġ tanġibbli lill-awtoritajiet Ċiprijotti b'rispons għaż-żieda fil-perssioni fuq is-sistema tal-asil tiegħu u jipprovdi ċarezza legali lill-istatus tal-EASO f'Ċipru, inkluż dak tal-persunal u l-ħaddiema tiegħu. Il-ftehim għadu jrid jiġi ratifikat mill-Parlament.

L-EASO ilu jipprovdi l-assistenza teknika u operazzjonali tiegħu lil Ċipru mill-2014, b'rispons għaż-żieda fil-perssionijiet migratorji. F'Diċembru 2018, l-EASO u Ċipru laħqu qbil dwar **Pjan ta' Assistenza Operazzjonali u Teknika għall-2019** ġdid. Il-pjan ikompli jsaħħa l-assistenza tal-EASO lil Ċipru fid-dawl taż-żieda fl-applikazzjonijiet għall-asil. Skont il-pjan maqbul, aktar tard ġie ffirmat Ftehim ta' Ospitalità bejn l-EASO u l-awtoritajiet Ċiprijotti fid-19 ta' Settembru 2019.

Fl-2019, ġew ippreżentati madwar 13 000 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'Ċipru, li kienu jfissru — għat-tieni sena konsekuttiva — żieda ta' madwar 70 % fuq is-sena ta' qabel, u dan għamel minn Ċipru t-tieni Stat Membru bl-ogħla ammont ta' applikazzjonijiet per capita.

| 7 804 reġistrazzjonijiet mwettqa mill-esperti tal-EASO (70 % tal-għadd totali) f'erba' distretti.

| 746 intervista mwettqa, u 532 opinjoni abbozzata b'riżultat ta' appoġġ imtejjeb għall-ipproċessar tal-ewwel istanza u għall-proċedura aċċellerata.

| Appoġġ soċjali individwali, żvilupp ta' SOPs u koordinazzjoni volontarja fiċ-ċentru ta' akkomodazzjoni ta' Kofinou permezz ta' preżenza sħiħa tal-EASO fuq il-post.

L-ewwel Pjan Operazzjonali komprensiv għal Ċipru ġie implimentat fl-2019. Ittiegħu miżuri biex jitjiebu l-koerenza u l-kwalità tal-proċessi ta' reġistrazzjoni f'Ċipru; l-SOPs għar-reġistrazzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ġew riveduti f'konsultazzjoni mill-qrib mas-servizz tal-asil u l-pulizija tal-immigrazzjoni, u ġie pprovdut taħriġ rilevanti. Barra minn hekk, il-preżenza regolari u kostanti tal-assistenti tar-reġistrazzjonijiet u l-interpreti tal-EASO fl-Unitajiet għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi u l-Immigrazzjoni ffaċilitat l-għoti ta' informazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Bl-appoġġ ta' sitt esperti ta' reġistrazzjoni, ġew irreġistrati 8 704 applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'erba' postijiet matul din l-ewwel sena ta' appoġġ għall-proċedura ta' reġistrazzjoni. Dan l-għadd jammonta għal sebgħa minn kull għaxar reġistrazzjonijiet f'Ċipru, żieda ta' 15 % meta mqabbel mal-2018.

> CAN I TRAVEL?
In case you are still an applicant of international protection and you urgently need to travel for humanitarian reasons, you can apply to the Civil Registry and Migration Department and you may be issued with a relevant travel document.

> USEFUL CONTACTS
Cyprus Refugee Council (Legal assistance)
Cypriot Asylum Support Office (ASO)
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Nicosia
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Larnaca
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Limassol
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Paphos
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Famagusta
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Kyrenia
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Geroi
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Akrotiri
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Dhekelia
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Episkopi
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Marousi
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Nicosia
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Larnaca
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Limassol
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Paphos
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Famagusta
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Kyrenia
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Geroi
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Akrotiri
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Dhekelia
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Episkopi
Cypriot Asylum Support Office (ASO) - Marousi

RECEPTION AND ACCOMMODATION CENTER FOR APPLICANTS OF INTERNATIONAL PROTECTION
BASIC INFORMATION FOR THE RESIDENTS

> WHERE AM I?
Welcome! You are in the Reception and Accommodation Center for Applicants of International Protection in Nicosia. The center operates under the responsibility of the Asylum Service of the Ministry of Interior. It has the capacity to accommodate up to 400 people. The center is situated 3.5 km west of Nicosia airport. The center is open 24 hours a day. For a better orientation in the center, every room, office and kitchen has a sign with the name of the room, office or kitchen. You can see where you are in the center, offices, kitchen, common spaces.

WHERE AM I?
For you to be comfortable this welfare will provide you with the basic information you need to know during your first days here. The center is an open building. This means you can move around freely and enter and leave the center at all times. There are many different activities, regions and areas at all times in the center. So please be patient. **Ασφαλιστική, υγειονομική και εκπαιδευτική** is respected the same way you should respect that of others.

Fuljett ta' informazzjoni għar-residenti fiċ-ċentru ta' akkoljenza f'Kofinou

L-EASO kompla jappoġġa s-servizz tal-asil f'Ċipru fl-ipproċessar tal-każijiet tal-asil fl-ewwel istanza,

b'hekk ittaffiet iż-żieda kontinwa ta' xogħol b'lura. F'dan il-kuntest, l-EASO baġhat esperti f'Nikosija li

wettqu 746 intervista u abbozzaw 532 rimarka ta' konklużjoni li jkopru 27 ċittadinanza differenti

Fl-aħħar parti tas-sena, fuq talba tas-Servizz tal-Asil Ċiprijott (CAS), l-esperti tal-EASO wettqu 44 intervista oħra u abbozzaw 42 rakkomandazzjoni taħt proċedura aċċellerata għal ċittadini tal-Georgia, pajjiż meqjus bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu.

Barra minn hekk, l-EASO flimkien mal-CAS u l-UNHCR ħadmu flimkien biex isaħħu l-assigurazzjoni u l-istandards ta' kwalità. L-EASO u l-CAS taw bidu wkoll għall-ħidma preparatorja għad-diġitalizzazzjoni tal-fajls tal-każijiet. L-EASO ta wkoll żewġ sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-indikaturi tal-vulnerabbiltà u tal-esklużjoni lill-esperti tal-EASO u lill-uffiċjali tal-CAS.

L-EASO reġa' beda l-attivitajiet tiegħu fiċ-ċentru ta' akkoljenza tat-tieni linja f'Kofinou fl-aħħar tal-2018. L-EASO kkonsolida l-preżenza tiegħu fl-2019 b'tim permanenti ta' esperti. Flimkien, huma pprovdew xogħol soċjali u bini tal-kapaċità tant meħtieġa fl-oqsma tal-ġestjoni taċ-ċentri ta' akkoljenza, segwitu ta' każijiet individwali b'appoġġ soċjali u referenzi u proċeduri, għoti ta' informazzjoni u koordinazzjoni ta' attivitajiet komunitarji u volontarji.

L-appoġġ previst għaċ-ċentru ta' akkoljenza tal-ewwel linja li għadu kif ġie stabbilit f'Pournara kien imxekkel b'mod sinifikanti minħabba dewmien fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni. Madankollu, l-EASO bagħat persunal għall-għoti ta' informazzjoni u biex iwettaq valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà. L-EASO ta wkoll appoġġ loġistiku għal żona sikura għal gruppi vulnerabbli (li għandha tibda taħdem fl-2020).

L-EASO beda wkoll jistabbilixxi l-pedamenti għal oqsma ġodda ta' ħidma f'Ċipru, inkluż l-appoġġ tiegħu lill-Qorti Amministrattiva tal-Protezzjoni Internazzjonali li għadha kif ġiet stabbilita u t-tisħiħ tal-ġestjoni u l-koordinazzjoni tad-*data*, pereżempju, billi jiffaċilita sistema ta' dħul u ffrug fl-akkoljenza.

Għal dan il-għan, l-EASO wettaq u ffaċilita erba' missjonijiet ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tliet inizjattivi ta' taħriġ. L-EASO u l-awtoritajiet Ċiprijotti laħqu qbil ukoll dwar [Pjan ta' Assistenza Operazzjonali u Teknika għall-2020](#) ġdid.

Kooperazzjoni futura


F'Diċembru 2019, l-EASO u l-awtoritajiet Ċiprijotti laħqu qbil dwar Pjan ta' Assistenza Operazzjonali u Teknika għall-2020 ġdid. Il-pjan jipprevedi l-irduppar tal-appoġġ operazzjonali tal-EASO lis-Servizz tal-Asil Ċiprijott u l-introduzzjoni ta' miżura ġdida b'appoġġ għat-tnaqqis tax-xogħol b'lura fit-tieni istanza.

1.4 Malta

L-EASO u Malta jilhq u qbil dwar Pjan ta' Assistenza Operazzjonali u Teknika għall-2019

Fl-24 ta' Ġunju 2019, l-EASO qabel mal-awtoritajiet Maltin dwar il-flussi tax-xogħol u l-proċessi meħtieġa biex jipprovdi appoġġ lil Malta fir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fl-għoti ta' informazzjoni, u appoġġ lill-Unità ta' Dublin, fl-intervisti u fl-abbozzar relatat ta' rapporti ta' evalwazzjoni għall-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati. It-tnedija tal-miżuri ta' appoġġ ġiet maqbula f'fażijiet, u b'hekk ġie żgurat allinjament sħiħ ma' miżuri oħra stabbiliti mill-awtoritajiet Maltin.


B'1 890 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati matul l-ewwel seba' xhur tal-2019, iċ-ċifri kienu 83 % ogħla minn dawk irreġistrati matul l-istess perjodu fl-2018. Għaldaqstant, l-għadd medju ta' applikazzjonijiet ta' kull xahar żdied minn 148 għal 270.



Wasliet bil-baħar (kolonna) u applikazzjonijiet għall-asil (linja), Janjar — Ottubru 2019

Id-*data* tal-Eurostat li tinkludi każijiet pendenti fl-istanzi kollha wriet li l-pressjoni fuq l-awtorità tal-asil Maltija kompliet tiżdied matul l-2019. Filwaqt li fl-aħħar ta' Jannar 2018 kien hemm 1 505 applikazzjonijiet li kienu qed jistennew deċiżjoni;

sa Lulju 2019 din iċ-ċifra telgħet għal 2 905. Ix-xogħol b'lura wkoll żdied b'mod konsiderevoli minn medja ta' 47 każ addizzjonali fix-xahar matul l-2018 għal 126 fl-2019.



L-evoluzzjoni tal-każi pendenti minn Jannar 2018 sa Lulju 2019

Wara talbiet li waslu mingħand l-awtoritajiet Maltin f'Ġunju 2019 u abbażi tal-appoġġ fl-avvenimenti ta' żbark *ad hoc* fis-sitt xhur ta' qabel, l-EASO ffirmat Pjan Operazzjonali għal Malta għal sitt xhur minn Lulju sa Diċembru 2019. Il-pjan kien ibbażat fuq tliet miżuri li jiffukaw fuq l-appoġġ għar-reġistrazzjoni, l-appoġġ fl-intervisti tal-asil fl-ewwel istanza u fl-abbozzar ta' opinjonijiet relatati, u l-appoġġ lill-Unità ta' Dublin. Skont id-*data* mill-Ministeru nazzjonali għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, bejn Jannar u Ottubru 2019, il-waslet bil-baħar f'Malta żdiedu b'aktar mid-doppju meta mqabbla mas-sena ta' qabel, b'1 445 migrant irreġistrati fl-2018 u 3 115 fl-2019.

L-EASO ta appoġġ lill-awtoritajiet Maltin għall-attivitajiet kollha ta' rilokazzjoni volontarja, f'dak li jirrigwarda r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, it-tnejn tal-listi ta' distribuzzjoni, l-appoġġ lid-delegazzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-intervisti ta' segwitu tagħhom, kif ukoll lill-Unità ta' Dublin f'termini ta' attivitajiet proċedurali għall-każijiet kollha ta' rilokazzjoni.

L-EASO ta appoġġ operazzjonali permezz tal-istazzjonament ta' 18-il espert tal-Istati Membri u 18-il ħaddiem temporanju tal-aġenzija (interim), għal total ta' 2 229 jum. Skont it-termini maqbuli fil-pjan operazzjonali, l-EASO lesta 2 008 reġistrazzjonijiet ta' applikanti għall-asil, fejn iċ-ċittadinanza ewlenija kienet mis-Sudan, segwita mill-Eritrea u s-Sudan t'Isfel.

Sar ukoll xogħol sinifikanti fl-istabbiliment u t-tmexxja tal-flussi tax-xogħol b'appoġġ għat-tnaqqis ippjanat

tal-ammont ta' xogħol b'lura eżistenti, u b'segwitu għal dan, l-EASO ppjana 284 intervista, li minnhom tlestew 176. Inħareġ total ta' 71 kumment ta' konklużjoni.

Fl-aħħar nett, b'appoġġ lill-Unità ta' Dublin, 1 827 persuna rċevew assistenza, u ġew abbozzati 1 003 rapporti ta' eżaminazzjoni ta' Dublin.

L-implimentazzjoni tal-pjan operazzjonali mxiet kif antiċipat u bniet fuq il-kollaborazzjoni b'suċċess fil-flussi tax-xogħol ta' żbark *ad hoc* fl-ewwel sitt xhur tas-sena.

Kooperazzjoni futura

F'Diċembru 2019 ġie ffirmat Pjan Operazzjonali għid għal Malta li jkopri l-irduppar tal-appoġġ operazzjonali u l-espansjoni tal-miżuri fil-Pjan biex jinkludi miżura speċifika dwar l-Akkoljenza inkluż appoġġ għall-flussi tax-xogħol dwar ir-referenza tal-vulnerabbiltà u x-xogħol ta' valutazzjoni fl-akkoljenza u appoġġ usa' għas-servizzi ta' akkoljenza f'Malta.

1.5 Dimensjoni esterna

| Strateġija ta' Kooperazzjoni Esterna tal-EASO riveduta adottata mill-Bord ta' Tmexxja tal-EASO.

| Kooperazzjoni permezz tal-implimentazzjoni ta' Pjanijiet Direzzjonali mat-Turkija/DGMM, mas-Serbja u mal-Maċedonja ta' Fuq.

| It-tnedija tal-Faċilità ta' Appoġġ għar-Risistemazzjoni tal-EASO (RSF) f'Istanbul, it-Turkija.

L-EASO jaqdi rwol importanti fid-dimensjoni esterna tas-SEKA billi jappoġġa l-istabbiliment u/jew it-tishiġ

tas-sistemi tal-asil u l-akkoljenza kif ukoll billi jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom ta' risistemazzjoni.

Inkisbu żviluppi rilevanti fl-2019, inkluża r-reviżjoni tal-istrateġija ta' kooperazzjoni esterna, iż-żieda fl-appoġġ għall-bini tal-kapaċità provdut lil żoni ġeografiċi ta' prijorità ewlenija u t-tnedija tal-proġett pilota tal-Faċilità ta' Appoġġ għar-Risistemazzjoni.



L-Istrateġija tal-Azzjoni Esterna u n-Network tad-Dimensjoni Esterna

| Reviżjoni tal-Istrateġija ta' Kooperazzjoni Esterna tal-EASO. L-Istrateġija l-ġdida ġiet adottata mill-Bord ta' Tmexxija tal-EASO fi Frar 2019.

| Proċess ta' konsultazzjoni għar-ristrutturar tan-Network tad-Dimensjoni Esterna. Intlaħaq qbil dwar l-istabbiliment ta' żewġ networks separati: In-Network għall-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi u n-Network għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja.

Strateġija ta' kooperazzjoni esterna

Minħabba l-bidliet fil-qafas ta' politika usa' tal-UE dwar ir-relazzjoni esterna u fid-dawl tal-appoġġ mitlub minn pajjiżi terzi jew diskuss mal-Istati Membri, fl-2019 l-EASO wettaq **proċess ta' konsultazzjoni wiesa' mal-Istati Membri u mal-partijiet konċernati**

rilevanti biex jirrevedi u jaġġorna l-istrateġija tal-azzjoni esterna. Il-Bord ta' Tmexxija tal-EASO adotta l-istrateġija l-ġdida — issa magħrufa bħala **L-Istrateġija ta' Kooperazzjoni Esterna tal-EASO** — fi Frar 2019.



L-Istrateġija riveduta ta' Kooperazzjoni Esterna tal-EASO:

- tiddefinixxi l-approċċ u l-qafas ġenerali li fih l-EASO jiżviluppa l-ħidma tiegħu relatata mad-dimensjoni esterna tas-SEKA;
- tipprovdi direzzjoni strateġika għall-azzjoni esterna tal-EASO;
- tistabbilixxi l-prijoritajiet u l-fokus għall-ippjanar ta' attivitajiet futuri;
- tispjega t-tip u l-firxa ta' appoġġ li l-EASO jista' jipprovdi kif ukoll il-prijoritajiet ġeografiċi.

Attivitajiet tan-Network tad-Dimensjoni Esterna

In-Network tad-Dimensjoni Esterna tal-EASO għandu l-għan li jiżgura komunikazzjoni effiċjenti u bla xkiel dwar kwistjonijiet relatati mal-azzjoni esterna tal-EASO mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, il-pajjiżi terzi u partijiet konċernati oħra.

Diversi attivitajiet ġew implimentati fl-2019 taħt din l-umbrella, inklużi żewġ laqgħat tan-Network tad-Dimensjoni Esterna li saru fi Frar u Novembru. Barra minn hekk, wara l-kontributi li waslu mill-Istati Membri, l-EASO stabbilixxa tliet gruppi ta' ħidma apposta:

- Grupp ta' ħidma dwar il-kooperazzjoni bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (DGMM) Tork;
- Grupp ta' ħidma dwar il-kooperazzjoni bejn il-Balkani tal-Punent;
- Grupp ta' ħidma dwar l-iżvilupp tal-għodod tal-ġestjoni tal-Għarfien dwar id-Dimensjoni Esterna tal-EASO.

L-għan ta' dawn il-gruppi ta' ħidma huwa li jiġbru gruppi iżgħar ta' Stati Membri li huma partikolarment interessati li jikkontribwixxu b'mod attiv fil-ħidma tal-EASO f'oqsma speċifiċi. Fl-2019, l-EASO kellu total ta' erba' laqgħat tal-gruppi ta' ħidma.

Ristrutturar tan-Network tad-Dimensjoni Esterna

Wara l-konklużjonijiet tal-laqgħa tan-Network tad-Dimensjoni Esterna li saret fl-1 ta' Frar 2019 u tad-disa' Forum tal-UE dwar ir-Risistemazzjoni li sar fil-11 ta' Ġunju 2019, l-EASO nieda proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar

ir-ristrutturar tan-Network tad-Dimensjoni Esterna f'żewġ networks separati: In-Network għall-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi u n-Network għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja.

Il-ħtieġa għal network speċifiku għar-risistemazzjoni ħarġet matul il-proċess ta' konsultazzjoni. Minn naħa waħda, il-wegħdiet ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri jeħtieġ li jiġu kkomplementati minn pjattaforma ta' appoġġ u skambju li tippermettilhom jissodisfaw aħjar l-impenji tagħhom għas-solidarjetà internazzjonali. Min-naħa l-oħra, l-uffiċjali tal-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa għal pjattaforma fejn jiġu indirizzati u diskussi għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi għall-UE, bħall-użu ta' flus mill-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) għall-prattiki ta' risistemazzjoni jew operazzjonali f'missjonijiet ta' risistemazzjoni.

Fir-rigward tal-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi, network iffukat bis-sħiħ fuq il-kooperazzjoni teknika u l-appoġġ lil pajjiżi terzi għall-bini tal-kapaċità jista' jindirizza l-ħtieġa ta' involviment aktar effettiv mill-Istati Membri u minn partijiet ikkonċernati oħrajn fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-oqfsa ta' kooperazzjoni bejn l-EASO u pajjiżi terzi. Barra minn hekk, it-titjib fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni u fil-komunikazzjoni huma oqsma b'potenzjal li jkomplu jtejbu l-valur miżjud tan-network billi joħolqu opportunitajiet biex jinstabu sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Iż-żewġ Networks tnedew uffiċjalment fl-ewwel kwart tal-2020.

Appoġġ lill-pajjiżi terzi

L-implimentazzjoni tal-fażi 2 tal-proġett reġjonali ffinanzjat mill-IPA II ("Regional Support to Protection-Sensitive Migration Management in the Western Balkans" ["Appoġġ Reġjonali lill-Ġestjoni tal-Migrazzjoni Sensittiva għall-Protezzjoni fil-Balkani tal-Punent"])

| Żewġ Pjanijiet Direzzjonali stabbiliti mas-Serbja u l-Maċedonja ta' Fuq.

| 39 attivitajiet ta' bini tal-kapaċità f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Balkani tal-Punent.

It-tiġdid u l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-EASO-DGMM

| 28 attivitajiet ta' bini tal-kapaċità f'kooperazzjoni mat-Turkija/DGMM.

Il-bidu tal-kooperazzjoni bejn l-EASO u l-Eġittu

| Żvilupp u tnedija ta' proġett ta' bini tal-kapaċità fuq skala żgħira f'kooperazzjoni mal-Eġittu.

Appoġġ għall-bini tal-kapaċità lil pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet relatati mal-asil u l-akkoljenza

L-Appoġġ lill-Pajjiżi Terzi tal-EASO għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-istabbiliment u/jew it-tiġid tas-sistemi tal-asil u l-akkoljenza kif ukoll li jrawwem ġestjoni tal-migrazzjoni sensittiva għall-protezzjoni f'pajjiżi terzi ewlenin. Huwa implimentat permezz ta' gradi differenti ta' bini tal-kapaċità mfasla skont il-ħtiġijiet u l-interessi f'Pajjiż Terz partikolari, il-prijoritajiet tal-Istati Membri u l-kapaċità ta' reazzjoni tal-EASO. L-attivitajiet ipplanati jieħdu diversi forom (taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma, żjarat ta' studju/xogħol, ikkwoċjar fuq il-post tax-xogħol, kontribut għal dokumenti tekniċi, eċċ.).



Matul is-sena (u meta mqabbel mal-2018), l-EASO rreġistra aktar interess u ħtieġa għal appoġġ għall-bini tal-kapaċità għaż-żoni ġeografiċi li ġejjin: Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, it-Turkija u r-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA).

Fil-Balkani tal-Punent (WB), l-EASO implimenta, flimkien mal-EBCGA/Frontex, l-UNHCR u l-IOM, il-**proġett reġjonali ffinanzjat mill-IPA II** ("Regional Support to Protection-Sensitive Migration Management in the Western Balkans") li huwa mmirat għas-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija. Il-Fażi I tal-Proġett tlestiet (Settembru 2016 — Ġunju 2019), segwita mill-Fażi II (Lulju 2019 — Ġunju 2021), li qed tiġi implimentata.



L-EASO qed jappoġġa lis-**Serbja u lill-Maċedonja ta' Fuq** permezz ta' Pjanijiet Direzzjonali dettaljati li jiffukaw fuq attivitajiet ta' bini tal-kapaċità fl-ispiritu ta' sjieda konġunta u sħubija. Bl-istess mod, qed jiġu diskussi pjanijiet direzzjonali mal-**Albanija u l-Bożnija-Ħerzegovina**.

Fit-Turkija, l-EASO kompli l-**appoġġ tiegħu lid-DGMM**. Il-kooperazzjoni ġiet implimentata permezz ta' Pjan Direzzjonali li jkopri Frar 2018 — Ġunju 2019. Wara rieżami u konsultazzjonijiet mad-DGMM, il-**Pjan Direzzjonali ġie mġedded b'suċċess** għal sentejn oħra (Settembru 2019 — Awwissu 2021). B'dan l-approċċ, il-kooperazzjoni tal-EASO mat-Turkija hija bbażata fuq perspettiva fit-tul u tipprovdi bażi soda għall-appoġġ lid-DGMM u għat-tiġid tal-kapaċità tiegħu.

Fir-rigward tar-Reġjun MENA, l-awtoritajiet nazzjonali Eġizzjani esprimew interess fl-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni tal-asil tagħhom stess f'kooperazzjoni mal-EASO. Għalhekk, **intlaħaq qbil għal appoġġ għall-bini tal-kapaċità fuq skala żgħira**. Il-kooperazzjoni bdiet b'suċċess b'żewġ attivitajiet ta' bini tal-kapaċità organizzati f'Ottubru u f'Novembru 2019, li se jkunu segwiti minn attivitajiet oħrajn fl-2020.

Ir-risistemazzjoni u perkorsi legali oħrajn għall-protezzjoni internazzjonali

L-istabbiliment tal-proġett pilota tal-Faċilità ta' Appoġġ għar-Risistemazzjoni (RSF) ibbażat f'Istanbul, it-Turkija

- | 6 Stati Membri appoġġati fl-operazzjonijiet ta' risistemazzjoni tagħhom permezz tal-RSF.
- | 5 missjonijiet ta' għażla mwettqa, inklużi 474 refuġjat ipproċessati.
- | 3 missjonijiet ta' orjentazzjoni kulturali mwettqa, inklużi 466 refuġjat ipproċessati.

Appoġġ permanenti lill-Istati Membri fil-qasam tar-Risistemazzjoni u perkorsi legali oħrajn għall-protezzjoni internazzjonali

- | 4 attivitajiet immirati biex jgħinu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' skemi *ad hoc* tal-UE.
- | 3 laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika dwar ir-risistemazzjoni u perkorsi legali għall-protezzjoni organizzati mal-partijiet konċernati rilevanti.

Ir-risistemazzjoni fl-UE hija t-trasferiment ta' refuġjati vulnerabbli minn pajjiż ospitanti għal Stat Membru tal-UE, fejn dawn jiġu ammessi u mogħtija d-dritt ta' permanenza u kwalunkwe dritt ieħor paragunabbli għal dawk mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. **L-EASO jappoġġa l-implimentazzjoni tal-isforzi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri** fil-qafas tal-iskemi Ewropej ta' risistemazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, l-UNHCR u atturi rilevanti oħra.

Il-proġett pilota tal-Faċilità ta' Appoġġ għar-Risistemazzjoni (RSF)

Wara valutazzjoni tal-fattibbiltà mwettqa fl-2018, u wara konsultazzjonijiet eżawrjenti mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u partijiet ikkonċernati oħra, l-EASO nieda proġett pilota għall-**istabbiliment ta' RSF** ibbażat f'Istanbul biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri mit-Turkija għal perjodu ta' 18-il xahar. L-RSF ilha **topera minn Ġunju 2019**, u pprovdiet servizzi ta' risistemazzjoni lejn l-Istati Membri permezz ta' fornitur tas-servizzi — il-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Migrazzjoni Kattolika (ICMC) fl-Ewropa.



L-RSF tippermetti lill-EASO jappoġġa l-operazzjonijiet ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri mit-Turkija b'mod kollaborattiv u innovattiv, billi **jipprovdni firxa varjata ta' servizzi ta' risistemazzjoni** fuq talba tal-Istati Membri. Is-servizzi jinkludu appoġġ loġistiku għall-proċessi tal-għażla u l-orjentazzjoni kulturali (CO)/orjentazzjoni qabel it-tluq (DPO) tal-Istati Membri, bħat-trasport u l-akkomodazzjoni ta' refuġjati, kmamar għal intervisti u taħriġ, indukrar tat-tfal u oħrajn.

Il-feedback li wasal mingħand l-Istati Membri kien pożittiv, u dan jindika li l-appoġġ loġistiku pprovdut mill-RSF irriżulta li kien effiċjenti u li indirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet tagħhom.

Appoġġ permanenti lill-Istati Membri

Fl-2019, l-EASO appoġġa l-isforzi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri permezz tal-implimentazzjoni ta' diversi attivitajiet immirati biex jassistu l-iskemi *ad hoc* tal-UE kif ukoll biex jiġu organizzati laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika dwar ir-risistemazzjoni u l-perkorsi legali għall-protezzjoni.

Barra minn hekk, fil-qafas tal-Proġett UE-Frank, l-EASO żviluppa għodod Prattiċi biex jinbnew il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tar-risistemazzjoni.

2. L-ippjanar tal-operazzjonijiet, l-evalwazzjoni u l-għodod ta' appoġġ

2.1 Appoġġ operazzjonali u għodod operazzjonali

It-tiżni tal-kapaċità tal-EASO biex iwieġeb għat-talbiet operazzjonali u jirrapporta dwarhom

- | L-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tal-EASO u taċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-proġetti għall-operazzjonijiet kollha fl-Istati Membri u fid-dimensjoni esterna.
- | Żieda fil-livell ta' sodisfazzjon tan-Network tal-NCP tar-Riżerva ta' Intervent għall-Asil tal-EASO (AIP) permezz ta' attivitajiet kollaborattivi u funzjonalitajiet tas-sistema ta' ġestjoni tal-istazzjonamenti (EAIPS) żviluppati għall-użu tagħhom.
- | L-iżvilupp ta' kunċetti u rekwiżiti inizzjali għal għodod orizzontali ġodda, inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-Għodda ta' Ġestjoni tal-Istazzjonamenti tal-EASO (EAIPS).

Kisba importanti fl-2019 kienet l-iżvilupp sħiħ ta' metodoloġija armonizzata għall-ġestjoni tal-proġetti, li ġiet implimentata fl-operazzjonijiet tal-EASO fil-Greċja, l-Italja, Ċipru u Malta, u fid-dimensjoni esterna. Dan ikkontribwixxa għall-kapaċità msaħħa tal-EASO biex iwieġeb għal talbiet operazzjonali u jirrapporta dwarhom u għalhekk biex jiġġestixxi l-valutazzjoni, it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet operazzjonali rilevanti, il-pjanijiet ta' proġetti speċifiċi u l-pjanijiet direzzjonali.

Oqfsa komprensivi u effettivi ħafna ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ġew żviluppati aktar u implimentati. Ġew introdotti wkoll sistemi sofistikati ta' monitoraġġ tal-baġit, li jippermettu monitoraġġ aktar qawwi tal-baġits u tan-nefqa relatata f'ħin reali.

Is-Sistema tal-EASO ta' Riżerva ta' Intervent fil-Qasam tal-Asil (EAIPS) — sistema bbażata fuq il-web

għall-ġestjoni tar-riżorsi operazzjonali — komplet tissaħħaħ. L-iżviluppi l-ġodda ppermettew li l-istazzjonament ta' esperti mill-Istati Membri jiġi ġestit b'mod sħiħ permezz ta' din il-pjattaforma diġitali u li jkomplu jiġu ffaċilitati l-flussi ta' ħidma mal-NCPs tar-Riżerva ta' Intervent fil-Qasam tal-Asil tal-EASO (AIP). It-titjib fis-sistema kien jinkludi, fost l-oħrajn, il-preżentazzjoni tal-ħtiġijiet f'ħin reali lill-NCPs, u l-ġenerazzjoni awtomatizzata ta' ittri ta' stazzjonament.

Komponent addizzjonali li jinvolti l-ġestjoni tal-istazzjonament ta' ħaddiema temporanji tal-aġenzija ġie żviluppata u implimentata ukoll fl-EAIPS fid-dawl tal-preżenza ta' għadd importanti ta' ħaddiema temporanji tal-aġenzija fl-ASTs. Dawn l-iżviluppi ulterjuri se jtejbju l-kapaċitajiet ta' ppjanar u rappurtar tal-EASO fir-rigward tal-istazzjonamenti tiegħu.

Fl-2019 saru żewġ laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika tal-NCPs tal-AIP, bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE+, il-UNHCR u l-Kummissjoni Ewropea. Il-parteċipanti ddiskutew il-pjanijiet operazzjonali tal-EASO, l-istazzjonamenti tal-esperti tal-Istati Membri, u l-ippjanar futur tan-nominazzjonijiet, kwistjonijiet ta' sigurtà u sikurezza u saħħa, fost suġġetti oħra.

Il-pjattaformi operazzjonali għall-Greċja, l-Italja u Ċipru, disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni u ta' Dokumentazzjoni (IDS) tal-EASO, komplew jiġu aġġornati biex jirriflettu l-attivitajiet, il-postijiet u l-gwida rilevanti għall-pjanijiet operazzjonali tal-2019. Ġiet żviluppata wkoll pjattaforma għall-operazzjoni l-ġdida ta' Malta. Għall-2020, qed tiġi prevista bidla possibbli fil-pjattaforma teknika flimkien ma' rieżami tal-iżvilupp ulterjuri tagħha.

Komplew jiġu żviluppati wkoll numru ta' għodod ta' appoġġ orizzontali addizzjonali. Tnejn minn dawn l-għodod, li jinvolve sistema ta' dħul u ħruġ għal Ċipru u għodda għall-iskedar tal-każijiet, ġew implimentati. Is-sistema ta' dħul u ħruġ kienet l-ewwel trasferiment teknoloġiku ta' suċċess iffaċilitat mill-EASO bejn l-Ungerija u Ċipru. Ġew definiti rekwiżiti oħra għal għodod rilevanti u dawn se jiġu segwiti fl-2020.

2.2 L-ippjanar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet

- | It-tisħiħ tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-proġetti bbażati fuq ir-riżultati f'operazzjonijiet fil-pajjiżi tal-UE+.
- | Il-pubblikazzjoni ta' Gwida għall-Utenti dwar il-Monitoraġġ tal-Operazzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' approċċ ta' monitoraġġ tal-fedeltà (ħin reali) fl-operazzjonijiet tal-EASO.
- | Total ta' 12-il evalwazzjoni interna u esterna mwettqa u segwiti b'linji ta' feedback u rispons dwar il-ġestjoni.

Ġie applikat approċċ ta' ppjanar aktar robust u bbażat fuq ir-riżultati fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet operazzjonali tal-2019 għall-Greċja, l-Italja, u Ċipru u, għall-ewwel darba, għal Malta. Dan l-approċċ ġab trasparenza u responsabbiltà akbar fil-valutazzjoni tal-progress u tal-kisbiet. Wara l-esperjenza tal-introduzzjoni ta' fażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet u ta' tfassil għall-iżvilupp ta' pjanijiet operazzjonali ġodda fl-2018 (inkluża Gwida għall-Utenti korrispondenti), twettaq b'suċċess eżerċizzju simili għall-Pjanijiet Operazzjonali tal-2019 — u ġew applikati wkoll il-metodoloġija u l-prattiki għal interventi oħrajn tal-EASO.

Ġiet implimentata sistema innovattiva ta' monitoraġġ tal-fedeltà fl-operazzjonijiet kollha tal-EASO, inkluż it-tnejja ta' Gwida għall-Utenti dwar il-Monitoraġġ tal-Operazzjonijiet iddedikata, pjanijiet speċifiċi ta' monitoraġġ għal kull intervent u struttura għall-monitoraġġ tar-riżultati u tal-proċessi. Dan huwa l-ewwel approċċ konsolidat lejn il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet fl-EASO.

Biex tiġi żgurata r-responsabbiltà u biex ikun hemm linja ta' feedback riflessi lejn interventi operazzjonali aktar rilevanti, effettivi u effiċjenti, l-EASO wettaq disa' evalwazzjonijiet interni (kemm evalwazzjonijiet formattivi kif ukoll dawk sommattivi, inklużi rieżamijiet ta' nofs it-terminu, evalwazzjonijiet pilota u evalwazzjonijiet finali) u ffaċilita tliet evalwazzjonijiet esterni (Pjanijiet Operazzjonali tal-2018 għall-Italja u l-Greċja u Pjan ta' Appoġġ Speċjali għall-2014-2018 għal Ċipru).

Ġew introdotti wkoll sistemi ta' monitoraġġ finanzjarju bbażat fuq il-konsum/il-pagamenti ta' kull xahar u ġie żviluppat aktar titjib fil-ġestjoni tal-baġit ġenerali, fir-rieżami tal-baġit u fl-oqfsa ta' monitoraġġ tal-baġit u dan ġie applikat fl-operazzjonijiet kollha matul is-sena.

2.3 It-taħriġ operazzjonali


| L-EASO pprovda 157 sessjoni ta' taħriġ operazzjonali, li permezz tagħhom ġew imħarrġa 2 316-il parteċipant. Dan in-numru jaqbeż sew it-tbassir annwali ta' 80 sessjoni għal 1 000 parteċipant.

| Żvilupp u rieżami kontinwi tal-materjal ta' taħriġ tal-EASO. Ġew żviluppati/rieżaminati 7 programmi/korsijiet ta' taħriġ, li 5 minnhom kienu moduli/korsijiet żviluppati ġodda. Dawn kienu jkopru, b'mod partikolari, il-Komunikazzjoni u l-Għoti ta' Informazzjoni lil dawk li qed ifittxu l-Asil; l-Identifikazzjoni ta' Każijiet Potenzjali ta' Dublin; ir-Reġistrazzjoni tal-Applikazzjonijiet għall-Protezzjoni Internazzjonali; l-Identifikazzjoni ta' Każijiet Potenzjali ta' Esklużjoni; u Sessjoni ta' Induzzjoni għall-interims u għall-esperti tal-Istat Membru stazzjonati fil-kuntest tal-Operazzjonijiet fil-Greċja.


| Rieżami ta' żewġ korsijiet ta' taħriġ: Taħriġ Operazzjonali għall-Mexxejja tat-Timijiet u Taħriġ dwar ir-Reġistrazzjoni.

F'konformità mal-pjanijiet operazzjonali maqbula, twettaq taħriġ operazzjonali tal-EASO fil-Greċja, fil-Italja, f'Ċipru u f'Malta.

Numru ta' parteċipazzjonijiet fit-taħriġ operazzjonali



Numru ta' parteċipazzjonijiet fit-taħriġ operazzjonali: imqassma skont l-Istat Membru



B'reazzjoni għal żieda fil-pressjoni fuq l-awtoritajiet Ċiprijotti, l-EASO espanda l-assistenza teknika u operazzjonali tiegħu pprovdata lill-pajjiż mill-2014. Fl-2019, l-EASO kompli jappoġġa lill-awtoritajiet Ċiprijotti fir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, u matul is-sena żied b'mod

sinifikanti l-kapaċità tiegħu li jsovi x-xogħol b'lura ta' każijiet pendenti. Fil-qafas tal-Pjan Operazzjonali għal Ċipru, ġew imħarrġa 232 parteċipant; żieda sinifikanti meta mqabbla mal-2018. L-akbar udjenza fil-mira kienet il-ħaddiema interim tal-każijiet tal-EASO, segwita mill-assistenti tar-reġistrazzjoni tal-EASO.

Fil-Greċja, l-EASO kompli jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż it-taħriġ tal-interims, l-esperti stazzjonati tal-Istati Membri, kif ukoll il-persunal mill-awtoritajiet Griegi. Fil-qafas tal-pjan operazzjonali għall-Greċja, ingħata taħriġ lil 1 049 parteċipant; żieda ta' kważi 20 fil-mija meta mqabbla mal-2018. L-akbar gruppi fil-mira għat-taħriġ operazzjonali fil-Greċja kienu l-ħaddiema interim tal-każijiet tal-EASO (420), l-esperti stazzjonati mill-EASO (295), l-uffiċjali tal-akkoljenza (RIS) (175), segwiti mill-mexxejja tat-timijiet interim tal-EASO (69). 29 uffiċjal mill-GAS ipparteċipaw f'sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ tal-EASO, sabiex is-servizz jibni l-kapaċità f'termini ta' ħarrieġa nazzjonali.

Fl-Italja, l-EASO kompli jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, kif ukoll fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jassorbu x-xogħol b'lura ta' każijiet akkumulati matul iż-żieda qawwija f'daqqa tal-wasliet. Is-sena kienet ikkaratterizzata minn impenn mill-awtorità nazzjonali Taljana tal-asil li tibni l-kapaċità tagħha stess f'termini ta' ħarrieġa nazzjonali. 49 uffiċjal Taljan ipparteċipaw fis-sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ tal-EASO. L-EASO kompli jipprovdi taħriġ operazzjonali, li permezz tiegħu ġew imħarrġa 979 individwu — 586 uffiċjal Taljan tal-asil, 264 interim tal-EASO u 129 membru ieħor tal-persunal tal-EASO u esperti stazzjonati mill-Istati Membri. Dan jirrappreżenta tnaqqis fl-għadd totali ta' parteċipanti li attendew it-taħriġ tal-EASO meta mqabbel mal-2018; liema differenza tista' tiġi spjegata bl-implimentazzjoni b'suċċess ta' strateġija ta' ġestjoni tax-xogħol b'lura flimkien mal-istrateġija ta' ħruġ tal-EASO.

F'Ġunju 2019 ġie ffirmat pjan operazzjonali ma' Malta għal perjodu ta' sitt xhur. Qabel l-iffirmar tal-pjan operazzjonali, l-EASO kien qed jipprovdi appoġġ *ad hoc* lill-awtoritajiet Maltin tal-asil fl-għoti ta' taħriġ lill-persunal lokali. Fil-qafas ta' appoġġ *ad hoc*, seba' parteċipanti mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati pparteċipaw fil-moduli ta' taħriġ tal-EASO. Filwaqt li taħt il-pjan operazzjonali tal-2019, l-EASO organizza taħriġ operazzjonali għall-persunal tiegħu b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-miżuri definiti fil-Pjan Operazzjonali għal Malta.

L-EASO żviluppa wkoll tliet pjanijiet ta' taħriġ *ad hoc*; tnejn ma' Spanja u wieħed ma' Malta. Fi Spanja, l-EASO kkontribwixxa għat-taħriġ tal-awtoritajiet fil-qasam tal-asil u l-akkoljenza. Dan kien meħtieġ minħabba l-għadd kbir ħafna ta' persuni li jasl

fil-Peniżola Iberika li jfittxu l-asil. Fit-tieni nofs tal-2019, Spanja rreġistrat l-oġġla għadd ta' applikazzjonijiet fl-Ewropa, bil-maġġoranza tagħhom ġejjin minn pajjiżi tal-Amerka Latina. Permezz ta' dawn il-pjanijiet ta' taħriġ *ad hoc*, ġew organizzati 50 sessjoni *ad hoc* (li qabżu t-tmienja previsti), li laħqu 746 parteċipant.

Fil-qafas tal-pjan ta' taħriġ *ad hoc* għal Malta applikabbli sa Ġunju 2019, seba' parteċipanti mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati pparteċipaw fil-moduli ewlenin tal-EASO.

Fl-2019, l-EASO ffinalizza wkoll l-iżvilupp ta' metodoloġija ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, li abbażi tagħha, l-EASO se jkun f'pożizzjoni li jidentifika aħjar kwalunkwe nuqqas fit-taħriġ.

2.4 Appoġġ ta' kwalità għall-operazzjonijiet

Ġew żviluppati għodod prattiċi ġodda mill-EASO, biex jappoġġa l-kwalità fl-operazzjonijiet tal-EASO fl-Greċja, l-Italja u Ċipru, u għodod eżistenti ġew imtejba biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-asil tat-tliet pajjiżi.

Appoġġ ta' kwalità għall-operazzjonijiet tal-EASO fl-Italja

- | L-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' għodod ġodda biex tittejjeb il-kwalità tal-proċedura tal-asil.
- | Konsulenza esperta u gwida dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu nazzjonali ta' valutazzjoni tal-kwalità, u strumenti legali nazzjonali varji oħra.

Ġie **pprovdut appoġġ ta' kwalità lill-Italja** mis-Settur tal-Proċessi tal-Asil (APS), li kien jinkludi laqgħat mal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Asil u l-UNHCR biex jikkondividu esperjenzi u għarfien espert relatati mal-proġett tal-awtoritajiet Taljani biex jistabbilixxu Mekkaniżmu ta' Valutazzjoni tal-Kwalità. Barra minn hekk, ingħata appoġġ direttament għall-operazzjonijiet tal-EASO permezz tal-għoti ta' pariri u gwida dwar abbozzi ta' strumenti legali nazzjonali li kellhom jiġu adottati fl-2019.

L-għodod il-ġodda li ġejjin biex tittejjeb il-kwalità tal-proċedura tal-asil ġew żviluppati u introdotti fl-2019.

- Gwida għall-ħaddiema tal-każijiet tal-EASO dwar ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-asil skont il-proċedura aċċellerata.

- Nota ta' Gwida dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, li l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu pproċessati fil-proċedura aċċellerata.
- Manwal dwar il-Prattiki Tajba fil-Kummissjonijiet Territorjali fl-Italja.
- Manwal dwar il-Prattiki Tajba fir-reġistrazzjoni fil-Questure fl-Italja.

Fl-aħħar nett, l-APS ipprova feedback għall-istabbiliment ta' Helpdesk fi ħdan l-appoġġ operazzjonali tal-EASO lill-Italja u kkontribwixxa għat-tfassil ta' standards u indikaturi operazzjonali għall-Italja.

Fil-kuntest ta' **appoġġ ta' kwalità lill-Greċja**, l-EASO pparteċipa f'laqgħat għall-mexxejja tat-timijiet fil-qasam biex jagħti gwida diretta u jwieġeb għal mistoqsijiet dwar sfidi ta' kwalità li jħabbtu wiċċhom magħhom il-mexxejja tat-timijiet fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. F'dawn il-laqgħat, ġew ippreżentati rapporti ta' feedback dwar il-kwalità tematika u Mistoqsijiet rilevanti tal-Helpdesk.

L-EASO pparteċipa b'mod attiv ukoll fit-taħriġ operazzjonali dwar l-esklużjoni u l-vulnerabbiltà, u fi tliet missjonijiet fuq il-post, f'kooperazzjoni mal-mexxejja tat-timijiet dwar l-applikazzjoni ta' SOPs ġodda u l-kooperazzjoni mal-esperti tal-Helpdesk.

125 każ ta' protezzjoni internazzjonali ġew rieżaminati fil-kuntest tal-proċedura tal-fruntiera u dik regolari f'termini ta' feedback dwar il-kwalità tematika u l-assigurazzjoni tal-kwalità.

L-EASO pproduċa wkoll għall-ewwel darba, rapporti ta' feedback dwar il-kwalità tematika u rapporti ta' feedback dwar il-kwalità għall-proċedura ta' eliġibbiltà. B'kollox, ġew prodotti 11-il rapport ta' feedback dwar il-kwalità (tematika, tal-proċedura tal-fruntiera u dik ta' eliġibbiltà). L-għodda ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-EASO tintuża mill-mexxejja tat-timijiet għall-evalwazzjoni tal-ħidma tal-uffiċjali tal-każijiet.

Appoġġ ta' kwalità għall-operazzjonijiet tal-EASO fil-Greċja:

- | L-għoti ta' gwida dwar kwistjonijiet ta' kwalità permezz ta' Rapporti ta' Feedback dwar il-Kwalità u Mistoqsijiet tal-Helpdesk (ġodda u riveduti).

- | Ir-reviżjoni tal-SOPs, tal-mudelli tal-intervisti u tal-opinjoni u l-parteċipazzjoni f'sessjonijiet ta' kkwċjar u taħriġ fil-hotspots kollha għall-implimentazzjoni tagħhom.

- | L-introduzzjoni tal-Għodda tal-EASO għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-użu mill-mexxejja tat-timijiet.

- | 125 każ ta' protezzjoni internazzjonali rieżaminati fil-kuntest tal-proċedura tal-fruntiera u dik regolari f'termini ta' feedback dwar il-kwalità tematika u l-assigurazzjoni tal-kwalità.

F'kooperazzjoni mas-Servizz tal-Asil Grieg, l-EASO fassal b'mod konġunt proċeduri operazzjonali standard dwar il-proċeduri tal-vulnerabbiltà, u fassal mudelli għall-intervisti u l-opinjoni.

F'Settembru 2019, l-EASO wettaq sħarriġ dwar l-użu u l-impatt tar-rapporti ta' feedback dwar il-kwalità u dwar titjib possibbli. Ingħata wkoll feedback dwar pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-Greċja f'Novembru 2019.

L-operazzjonijiet tal-EASO f'Ċipru

- | Reviżjoni tal-SOP dwar ir-Reġistrazzjoni u żvilupp ta' SOPs ġodda dwar il-proċedura tal-asil u mudelli għall-intervista personali u rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'Ċipru.

- | Is-sistema ta' feedback dwar il-kwalità tjebet.

Fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-EASO f'Ċipru, ġew riveduti l-SOPs dwar ir-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, ġew rieżaminati 15-il każ ta' protezzjoni internazzjonali bl-użu tal-għodda tal-assigurazzjoni tal-kwalità u ġew abbozzati żewġ rapporti ta' feedback dwar il-kwalità. Ġew żviluppati SOPs għal Ċipru dwar il-proċedura tal-asil u mudelli għall-intervista personali u għar-rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Twettqet evalwazzjoni tas-sistema ta' feedback dwar il-kwalità permezz ta' sħarriġ fuq il-post. Dan wassal għal titjib fl-istruttura u għall-introduzzjoni ta' rieżamijiet tal-kwalità tematika. Uffiċjali ta' appoġġ għall-asil ipparteċipaw flimkien ma' uffiċjali mill-Unità ta' Taħriġ fi tliet sessjonijiet ta' kkwċjar f'Ċipru bil-għan li jappoġġaw uffiċjali tal-każijiet tal-EASO li kienu għadhom kif ġew irreklutati.


3. Informazzjoni, analiżi u żvilupp tal-għarfien

3.1 Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orijini (COI)

Il-produzzjoni ta' Informazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Orijini (COI) fuq firxa wiesgħa ta' pajjiżi terzi u temi, hija importanti ħafna biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati tajjeb, ġusti u raġonevoli dwar l-asil, u għall-iżvilupp ta' politika bbażata fuq l-evidenza.

- | 65 prodott ta' COI, inklużi tveġbiet ta' mistoqsijiet, rapporti pubblikati u metodoloġija ta' COI.
- | 24 avveniment tematiku jew metodoloġiku tas-COI organizzati, inkluż dwar pajjiżi ta' orijini speċifiċi.
- | Aktar minn 500 mistoqsija pproċessati dwar trattamenti mediċi (MedCOI).

Fl-2019, l-EASO aġġorna l-metodoloġija tiegħu tar-rapporti tas-COI, billi implimenta tagħlimiet meħuda minn diversi snin ta' kooperazzjoni dwar il-produzzjoni ta' COI fil-kuntest tal-approċċ tan-network tas-COI tal-EASO. Il-pubblikazzjoni ta' dan l-aġġornament ġiet iċċelebrata flimkien mal-anniversarju tad-dipartiment tas-COI tas-Salib l-Aħmar tal-Awstrija — ACCORD — permezz ta' konferenza organizzata b'mod konġunt dwar il-metodoloġija tas-COI.



L-EASO ppubblika wkoll *Gwida għall-Kitba u r-Referenzjar tas-COI* u pproduċa għadd kbir ta' prodotti tas-COI aċċessibbli fil-*Portal tal-EASO dwar is-COI*. Il-prijoritajiet għall-EASO f'termini ta' produzzjoni kienu COI b'appoġġ għall-iżviluppi fil-gwidi tal-pajjiżi (ara t-taqsim 3.2), u għall-attivitajiet operazzjonali b'appoġġ għall-Istati Membri (pereżempju l-Italja u l-Greċja).

Fl-2019, l-approċċ tan-network tas-COI ġie implimentat ulterjorment permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħat dwar is-COI mal-membri tan-network tal-pajjiżi tal-UE+, inklużi żewġ laqgħat strateġiċi tan-network dwar is-COI u żewġ laqgħat tal-grupp ta' tmexxija tal-MedCOI. Saru wkoll għadd ta' workshops u seminars dwar pajjiżi speċifiċi ta' orijini, reġjuni jew temi rilevanti tas-COI, jiġifieri: Aċċessibilità għall-kura tas-saħħa; l-Afganistan; l-Eritrea; l-Etjopja; l-Iran; l-Iraq; il-Libja; il-Pakistan; il-Palestina; ir-Russja; is-Sirja; l-Ukrajna; il-Venezwela u l-Kolombja (organizzata flimkien mal-IGC); u l-Afrika tal-Punent.

Barra minn hekk, l-EASO organizza laqgħa waħda għall-amministraturi nazzjonali komuni kollha tal-portali fuq il-Portal tas-COI tal-EASO. Fi ħdan in-networks speċjalizzati, ir-riċerkaturi nazzjonali tas-COI jikkondividu informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' COI, dwar il-prodotti nazzjonali tas-COI reċenti u futuri u dwar il-missjonijiet ta' għbir ta' informazzjoni, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi.

Dwar is-suġġetti tal-kura tas-saħħa u t-trattamenti mediċi f'pajjiżi terzi, l-EASO kompla bit-trasferiment tal-attivitajiet tal-proġett **MedCOI**. MedCOI inbeda u ġie implimentat fl-2010 minn timijiet ta' proġetti fin-Netherlands u fil-Belġju permezz ta' fondi tal-UE, bil-għan li jittiejeb l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali tal-migrazzjoni u tal-asil fl-Ewropa għas-COI medika. Matul l-2019, l-EASO kien wasal fit-tielet stadju biex jieħu f'idejh dan il-proġett, u f'dan il-perjodu, l-EASO żied il-kapaċità tiegħu li jipproċessa talbiet individwali għal MedCOI mill-pajjiżi tal-UE+, li jinvolvu network dinji ta' kuntatti mediċi lokali. L-EASO integra kompetenza medika speċjalizzata sabiex jiggarrantixxi l-kwalità tas-servizzi, u pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa ta' pajjiżi ta' orijini bejn l-Istati tal-UE+.

Il-kooperazzjoni mal-esperti tas-soċjetà ċivili fil-qasam tas-COI kompliet ukoll matul l-2019, b'involvement f'diversi laqgħat relatati mas-COI, sessjonijiet ta' ħidma u konferenza dwar il-metodoloġija tas-COI. Atturi tas-soċjetà ċivili speċjalizzati fil-qasam tas-COI ġew ikkonsultati u mistiedna jikkontribwixxu għall-produzzjoni tas-COI tal-EASO bħala rieżaminaturi.



© L-Unjoni Ewropea (Peter Biro), Il-fdalijiet tal-Moskea l-Kbira ta' al-Nuri fil-Belt il-Qadima ta' Mosul fuq ix-xatt tal-Punent tat-Tigris. Kien minn hawn, li l-mexxej tal-ISIL Abu Bakr al-Baghdadi ddikjara l-Kalifat tal-IS f'Ġunju 2014. Il-kontroll fuq il-Belt il-Qadima ta' Mosul reġa' nkiseb f'Lulju 2017, Rittratt meħud fit-18 ta' Lulju 2018


3.2 Gwida għall-pajjiż

Il-metodoloġija għall-iżvilupp, ir-rieżami u l-aġġornament tal-gwida għall-pajjiżi ġiet ikkonsolidata; dan saħħaħ il-qafas għall-kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE+, b'kontribut siewi mill-Kummissjoni Ewropea u l-UNHCR.

| Publikazzjonijiet ġodda dwar il-Gwida għall-Pajjiż: Nigeria (Frar 2019) u l-Gwida għall-Pajjiż Iraq (Ġunju 2019).

| L-ewwel aġġornament tal-gwida għall-pajjiżi tlesta b'suċċess, bil-publikazzjoni tal-Gwida għall-Pajjiż: Afghanistan f'Ġunju 2019.

Wara l-pubblikazzjoni tal-pilota *Gwida għall-Pajjiż: Afghanistan* f'Ġunju 2018, l-EASO kompli jappoġġa lill-pajjiżi tal-UE+ fil-produzzjoni ta' analiżi u gwida komuni dwar żewġ pajjiżi ġodda ta' oriġini: il-*Gwida għall-Pajjiż: Nigeria* segwita mill-publikazzjoni tal-*Gwida għall-Pajjiż: Iraq* f'Ġunju 2019. Iż-żewġ dokumenti, fil-format standard tal-gwida għall-pajjiżi, jipprovdu valutazzjoni fil-fond tas-sitwazzjoni fil-pajjiż partikolari tal-oriġini, u jeżaminaw il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tal-applikanti fil-qafas legali tad-Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni.



L-ewwel aġġornament tal-gwida għall-pajjiżi tlesta wkoll f'Ġunju 2019, bil-pubblikazzjoni tal-*Gwida għall-Pajjiż: Afghanistan*. Dan l-aġġornament iffoka fuq it-taqsimiet “L-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni (2011/95/UE)”, “Alternattiva għall-protezzjoni interna” u l-valutazzjoni tal-profil “Individwi ta’ etniċità Hazara”.

F’dawn il-proċessi, l-EASO kkoordinata u ffaċilita l-ħidma tan-Network ta’ Gwida għall-Pajjiżi ta’ uffiċjali għolja tal-politika mill-pajjiżi tal-UE+. Il-kollaborazzjoni tagħhom kienet appoġġata wkoll mill-kontribut siewi tal-Kummissjoni Ewropea u l-UNHCR. Ix-xogħol fuq il-gwida għall-pajjiżi involva l-organizzazzjoni ta’ ħames laqgħat tan-network speċifiċi għall-pajjiż u laqgħa strateġika waħda tan-Network ta’ Gwida għall-Pajjiżi; żewġ sħarriġiet dwar il-volum ta’ każijiet, il-politika u l-prattika nazzjonali; u ħames konsultazzjonijiet bil-miktub man-network. Ġew stabbiliti u kkoordinati tliet Gruppi ta’ Abbozzar ta’ esperti nazzjonali magħżula, u ġew organizzati total ta’ disa’ laqgħat tal-Gruppi ta’ Abbozzar matul is-sena.

Żvilupp ieħor importanti kien il-konsolidazzjoni tal-metodoloġija tal-gwida għall-pajjiżi, approvata mill-Bord tat-Tmexxija tal-EASO f’Ġunju 2019.

L-EASO qed jeżamina wkoll l-istabbiliment ta’ modi ġodda u faċli għall-utent ta’ kif tiġi kkomunikata l-gwida għall-pajjiżi disponibbli lill-qarrej. Il-kontenut tagħhom issa huwa disponibbli f’format interattiv html fuq is-sit web tal-EASO (*biex tara l-aħħar dokumenti disponibbli, ara <https://www.easo.europa.eu/country-guidance>*).


Il-ħidma fuq il-gwida għall-pajjiżi tkompli fl-2020, bl-iżvilupp ta’ gwida għall-pajjiżi dwar is-Sirja u l-aġġornament tal-gwida għall-pajjiżi dwar l-Afganistan u l-Iraq.

3.3 Il-hub tad-*data* tal-EASO

| Il-Hub tad-*Data* tal-EASO jiġġestixxi *data* u informazzjoni operazzjonali kumplessi u strateġiċi li jippermettu lill-EASO jimmonitorja u janalizza s-sitwazzjoni tal-asil fl-UE+, kif ukoll l-appoġġ operazzjonali pprovdut mill-EASO.

| Il-Hub tad-*Data* jipproduċi wkoll Analiżijiet Operazzjonali li jikkwantifikaw l-appoġġ operazzjonali pprovdut mill-EASO.

Il-Hub tad-*Data* tal-EASO jiġġestixxi ammont kumpless ta’ *data* u informazzjoni li jippermettu lill-EASO jimmonitorja u janalizza s-sitwazzjoni tal-asil fl-UE+, kif ukoll l-appoġġ operazzjonali pprovdut mill-EASO. Għal dan il-għan, bħala parti mis-Sistema ta’ Twissija Bikrija u ta’ Thejjiġa (EPS), il-pajjiżi tal-UE+ (l-Istati Membri flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera) jikkondividu statistika armonizzata mal-EASO dwar suġġetti importanti bħad-determinazzjoni tal-ewwel istanza, il-funzjonament tas-sistema ta’ Dublin, in-natura u l-firxa tal-popolazzjoni ta’ akkoljenza u n-numri ta’ appelli. Il-Hub tad-*Data* jirċievi din l-istatistika, ġeneralment kull ġimgħa, u jipproċessaha f’tabelli tal-indikaturi b’dehra attraenti li jistgħu jiġu aċċessati fl-EASO u wkoll mill-pajjiżi tal-UE+ li oriġinarjament ikkondividew id-*data*, u b’hekk joħloq korp unifikat ta’ informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjonijiet u l-monitoraġġ tar-rispons operazzjonali tal-EASO. Din l-istatistika importanti tiġi kkombinata b’mod regolari ma’ *data* oħra kondiviża mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), flimkien ma’ *data* mniżżla minn diversi sorsi oħra, sabiex l-analisti, ir-riċerkaturi u l-maniġers tal-EASO jkollhom l-informazzjoni l-aktar aġġornata aċċessibbli faċilment u qrib il-ħin reali. Fl-interess li tiġi stimolata diskussjoni pubblika infurmata, fl-2019 ħafna minn din l-istatistika intweriet fuq il-[paġna tal-EASO dwar l-Aħħar Xejriet tal-Asil](#) u [r-Rapport Annwali tal-EASO](#) [dwar is-sitwazzjoni tal-asil](#).



Fl-2019, kull xahar l-EASO ppubblika *data* dwar l-asil fuq il-paġna tiegħu dwar l-Aħħar Xejriet tal-Asil

Il-Hub tad-*Data* tal-EASO huwa responsabbli wkoll mill-ġestjoni tad-*data* miġbura waqt l-operazzjonijiet tal-EASO stess f'Ċipru, il-Greċja, l-Italja u Malta. F'dan il-każ, l-istatistika dwar l-għadd ta' esperti stazzjonati taħt il-bandiera tal-EASO, u l-għadd ta' każijiet appoġġati minn dawn l-esperti huma indikaturi ewlenin tal-effikaċja tar-rispons operazzjonali tal-EASO. Barra minn hekk, din tippermetti lill-EASO jifhem f'aktar dettall is-sitwazzjoni tal-asil fl-Istati Membri ospitanti għall-finijiet tal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet. Fl-2019, il-Hub tad-*Data* uża din id-*data* biex jipproduċi Analiżijiet Operazzjonali li wrew, pereżempju, li l-EASO appoġġa r-reġistrazzjoni ta' nofs l-applikazzjonijiet kollha għall-asil ippreżentati fil-Greċja fl-2019, u aktar minn 70 % ta' daww ippreżentati f'Ċipru.


3.4 Programm ta' riċerka dwar it-twissija bikrija u l-kawżi ewlenin

| L-EASO ħareġ ħames Rapport ta' Twissija Bikrija fl-2019, li kienu ospitati fuq il-pjattaforma tal-UE għall-Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi.

| F'Diċembru 2019, l-EASO ospita wkoll l-ewwel laqgħa tal-Grupp Konsultattiv dwar it-Twissija Bikrija li fiha l-pajjiżi parteċipanti tal-UE+ qablu li jikkondividu ma' xulxin dettalji oħra tal-ħidma

tagħhom stess dwar it-twissija bikrija, u kkunsidraw possibbiltajiet għall-integrazzjoni futura ta' dawn il-proġetti għal approċċ Ewropew konsolidat.

Skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament 439/2010 dwar l-EASO, l-EASO għandu juża sistemi u mekkaniżmi eżistenti ta' twissija bikrija u, jekk ikun meħtieġ, jistabbilixxi sistema ta' twissija bikrija għall-finijiet tiegħu stess. Għal dan il-għan, il-programm ta' riċerka tal-EASO juża teknoloġija avvanzata biex jissorvelja s-sitwazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu u jipproduċi stima ta' "big data" ta' fatturi ta' spinta fid-dinja kollha. B'mod speċifiku, it-termini tat-tiftix fuq l-Internet u l-monitoraġġ qrib il-ħin reali tal-kunflitti u ta' avvenimenti ta' tfixkil fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu jiġu kkombinati biex joħroġu mudelli u jfassru avvenimenti ta' spostament individwali u finalment ibassru l-wasla lejn l-UE+ ta' popolazzjonijiet li jeħtieġu protezzjoni. Biex janalizza din il-big data, l-EASO juża tip ta' Intelliġenza Artifiċjali msejja *apprendiment awtomatiku* biex jikkorrelazzjonijiet moħbija u jżvela x'tip ta' avvenimenti seħħew qabel l-ispostamenti u l-waslet fl-UE+. Fl-2019, din l-informazzjoni kienet ta' spiss użata bħala qafas għad-diskussjonijiet dwar il-futur, u kienet tiffirma wieħed mill-elementi tal-kaxxa tal-għodda ta' twissija bikrija tal-EASO, sabiex il-pajjiżi tal-UE+ ikunu mħejjija għal kwalunkwe influż għal għarrieda li jista' jikkawża pressjoni partikolari fuq is-servizzi tal-asil u tal-akkoljenza.



Il-programm ta' riċerka tal-EASO juża l-big data sabiex jimmonitorja l-avvenimenti ta' kunflitt u ta' tfixkil fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, u joħloq indiċi ta' "fatturi ta' spinta" bl-iskop ta' ppjanar u tħejjija.


Fl-2019, l-EASO ħareġ ħames Rapporti ta' Twissija Bikrija li ġew ikkomunikati lill-pajjiżi tal-UE+, lill-Bord tat-Tmexxija tal-EASO, u lill-Kummissjoni Ewropea. Dawn ir-rapporti ġew ospitati fuq il-[pjattaforma tal-UE għal Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi](#). Il-ħidma tal-EASO dwar it-twissija bikrija żiedet ħafna valur għad-dibattitu dwar kemm tista' tiġi mbassra l-migrazzjoni relatata mal-asil u b'riżultat ta' dan, f'Ottubru 2019, l-EASO ġie mistieden jippreżenta l-metodoloġija tiegħu fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-Asil u l-Migrazzjoni, u f'diversi konferenzi fil-pajjiżi tal-UE+ dwar l-istess suġġett. Fl-aħħar nett, f'Diċembru 2019, l-EASO ospita l-ewwel laqgħa tal-Grupp Konsultattiv dwar it-Twissija Bikrija li fiha l-pajjiżi parteċipanti tal-UE+ qablu li jikkondividu ma' xulxin dettalji tal-ħidma tagħhom stess dwar it-twissija bikrija u eżaminaw kif proġetti bħal dawn jistgħu jingħaqdu flimkien fil-futur f'approċċ Ewropew konsolidat.

3.5 Analiżi strateġika

| L-analisti tal-EASO komplew jippubblikaw l-Aħħar Xejriet tal-Asil ta' kull xahar, flimkien ma' 10 Noti ta' Informazzjoni Analitiċi.

| Saret ukoll analiżi tax-xenarju dwar il-futur tal-protezzjoni internazzjonali fl-UE+.

L-analisti tal-EASO għandhom il-kompitu li jgħarblu d-*data* u l-informazzjoni kollha disponibbli biex jifhmu bis-sħiħ is-sitwazzjoni tal-asil u l-implimentazzjoni tas-SEKA, u mbagħad jibagħtu messaġġi ċari u konċiżi lil firxa wiesgħa ħafna ta' partijiet ikkonċernati u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. L-ewwel nett, biex jinkoraġġixxu diskors pubbliku infurmat bl-evidenza u jiżguraw li l-ġurnalisti, ir-riċerkaturi u dawk li jfasslu l-politika jkollhom informazzjoni aġġornata dwar in-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil ippreżentati fl-UE+. Fl-2019 it-tim ippubblika kull xahar l-[Aħħar Xejriet tal-Asil](#) li huma dejjem popolari u kkontribwixxa kapitoli f'ħafna pubblikazzjonijiet differenti bħar-[Rapport Annwali tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-UE](#) u l-[Analiżi tar-Riskji għall-2019 tal-Frontex](#). Fl-istess ħin, in-Nota Analitika tal-EASO nġhatat lil diversi fora Ewropej bħall-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni u l-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA). L-EASO kkontribwixxa wkoll analizzjiet siewja kull ġimgħa għall-attivazzjoni tal-migrazzjoni tal-[Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi](#).



Bħala sforz ta' ħsieb 'il quddiem, l-analiżi trid tagħmel aktar milli sempliċiment titkellem dwar avvenimenti tal-passat — tabilħaqq dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet iqattgħu ħafna aktar ħin jippjanaw għall-futur. Sabiex tiġi indirizzata din il-ħtieġa, fl-2019 it-tim tal-Analiżi Strateġika ssieħeb ma' Z-punkt, kumpanija ta' previżjoni strateġika magħrufa sew, sabiex iwettaq eżerċizzju ta' xenarju dwar il-futur tal-protezzjoni internazzjonali fl-UE+ fl-2030. Bl-użu ta' sħarriġiet u sessjonijiet ta' ħidma, l-EASO laqqa' flimkien esperti mill-akkademja, NGOs, il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-UNHCR, l-IOM, l-OECD, il-JRC, il-pajjiżi tal-UE+, il-Frontex u l-Europol, biex jidentifikaw ħames possibbiltajiet differenti ħafna għall-futur. L-eżerċizzju, li serva bħala metodoloġija għall-esplorazzjoni sistematika tal-possibbiltajiet, u wessa' l-ħsieb kemm tal-prattikanti kif ukoll ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, ipprova qafas koerenti biex tinftiehem din id-dinja dejjem aktar kumplessa.

3.6 Sistema ta' informazzjoni u dokumentazzjoni

| Is-Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni tal-EASO (IDS) hija pjattaforma online li għandha l-għan li tipprovdi punt uniku ta' informazzjoni komprensiva u aġġornata dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tal-pajjiżi tal-UE+ f'termini ta' politiki u prattiki, leġiżlazzjoni u ġurisprudenza rilevanti, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn il-funzjonament prattiku tal-aspetti ewlenin kollha tas-SEKA.

| Il-bażi tad-*data* tal-każistika tal-EASO disponibbli għall-pubbliku tipprovdi informazzjoni f'waqtha u preċiża dwar il-ġurisprudenza l-ġdida, b'aktar minn 700 każ irreġistrat.

Il-pjattaforma tal-IDS, bħala bażi tad-*data* fattwali, legali u ta' każistika dwar l-istrumenti tal-asil nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali toffri ħarsa ġenerali komprensiva u deskrizzjonijiet preċiżi tal-leġiżlazzjoni u l-prattiki tal-asil f'31 pajjiż tal-UE+, filwaqt li ssegwi l-istadji ewlenin tal-proċess tal-asil, inklużi: l-aċċess għall-proċeduri, il-Proċedura ta' Dublin, id-determinazzjoni tal-ewwel istanza, id-determinazzjoni tat-tieni istanza, l-akkoljenza, id-detenzjoni, il-forom ta' protezzjoni, ir-ritorn, ir-risistemazzjoni u l-iskemi ta' ammissjoni umanitarja. L-IDS hija aċċessibbli permezz ta' login għall-utenti rreġistrati minn amministrazzjonijiet tal-asil tal-pajjiżi tal-UE+ (attwalment minn aktar minn 50 awtorità nazzjonali). Is-sistema tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi ta' informazzjoni tal-pajjiżi tal-UE+ permezz ta' aċċess faċli għal informazzjoni komprensiva ta' interess għalihom, li tiġi aġġornata b'mod regolari, invalidata mill-partijiet ikkonċernati rilevanti u tissodisfa l-istandards ta' kwalità ta' referenzjar u tas-sorsi. Dan iżid il-valur billi jirnexxilha tipprovdi ħarsa ġenerali wiesgħa, aġġornata u li faċilment tiġi kkonsultata tas-sitwazzjoni attwali tas-sistemi nazzjonali tal-asil fil-pajjiżi tal-UE+ u fil-livell tal-UE+ bħala tali. Il-membri tal-Grupp Konsultattiv tal-IDS innotifikaw f'diversi okkażjonijiet li l-informazzjoni mill-IDS hija rilevanti ħafna meta jitħejjew rapporti tal-UE dwar il-liġijiet, il-politiki u l-prattiki sabiex jiġu pparagunati l-kuntesti nazzjonali.

Proġett dedikat bejn l-EASO u l-pjattaforma ta' ritorn online tal-Frontex/EBCG, IRMA, joħloq sinerġiji addizzjonali bejn iż-żewġ sistemi dwar kwistjonijiet trasversali bejn l-asil u r-ritorn.

Ġew organizzati riżorsi tal-każistika f'bażi tad-*data* tal-każistika tal-EASO disponibbli għall-pubbliku li tipprovdi informazzjoni f'waqtha u preċiża dwar ġurisprudenza ġdida billi tiġġestixxi u taħżen il-każistika relatata mal-implimentazzjoni tas-SEKA fil-livell nazzjonali u fil-livell Ewropew (Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem). Dan kien partikolarment f'waqta b'aktar u aktar każijiet li waslu fl-istadju tal-appell fil-livell tal-UE+ u l-ħtieġa għal ħarsa ġenerali faċli biex tintuża flimkien ma' format standard tal-ġurisprudenza nazzjonali.

Il-kultura ta' kollaborazzjoni fil-qasam tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni hija promossa u msaħħa aktar bis-sistema ta' mistoqsijiet tal-EASO, li tippermetti lill-pajjiżi tal-UE+ jagħmlu mistoqsijiet bil-miktub u jirċievu tweġibiet dwar l-aspetti prattiki tas-SEKA u kwistjonijiet oħra relatati mal-politiki u l-prattiki tal-asil fl-UE+ ta' interess għall-amministrazzjonijiet tal-asil. Is-sistema ta' mistoqsijiet tipprovdi tweġibiet konsolidati għal mistoqsijiet speċifiċi tematiċi fi żmien qasir, fejn l-EASO jabbozza rapporti sommarji għolja relatati mal-kontenut bis-sejbiet ewlenin mill-mistoqsija supplimentati b'informazzjoni kuntestwali addizzjonali. Is-sinerġiji huma msaħħa b'komunikazzjoni u kooperazzjoni kontinwi (Query Cluster) ma' partijiet ikkonċernati oħrajn li jamministraw sistemi ta' mistoqsijiet — IGC, EMN u GDISC.


3.7 Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE

- | Rapport Annwali aċċessat minn aktar minn 6 200 qarrej.
- | Aktar minn 620 dokument ta' referenza kkonsultati u inklużi fil-bibliografija.
- | 24 verżjoni lingwistika tas-Sommarju Eżekuttiv.

Ir-Rapport Annwali tal-EASO tal-2018 dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-EASO f'Ġunju 2019.

Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-iżviluppi fil-livell Ewropew u l-livell tas-sistemi nazzjonali tal-asil. Ibbażat fuq firxa wiesgħa ta' sorsi

differenti, ir-rapport jagħti ħarsa lejn xejriet statistiċi ewlenin u janalizza bidliet fil-pajjiżi tal-UE+ fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, il-politiki, il-prattiki, kif ukoll il-każistika nazzjonali tagħhom. Ir-rapport għandu l-għan li jkollu informazzjoni oġġettiva u analiżi bbażata fuq l-evidenza dwar is-sitwazzjoni tal-asil, li tirrifletti l-iżviluppi rilevanti ta' importanza ewlenija fis-sena ta' referenza. Għalkemm ir-rapport jiffoka fuq oqsma ewlenin tas-SEKA, spiss jagħmel referenzi meħtieġa għall-kuntest usa' tal-migrazzjoni u tad-drittijiet fundamentali. Bħala parti minn dak ir-rapport, l-EASO jagħmel analiżi komparattiva komprensiva bl-għan li jtejjeb il-kwalità, il-konsistenza u l-effettività tas-SEKA.



Rappurtar ibbażat fuq il-fatti u oġġettiv huwa ta' importanza fundamentali fi żmien ta' iżviluppi dinamiċi u dibattitu vivaċi dwar kwistjonijiet ta' asil u migrazzjoni, u b'hekk jipprevjeni kunċetti żbaljati u jiffaċilita djalogu konstruttiv u konklużjonijiet oġġettivi. Skont metodoloġija stabbilita, fi sforz biex jitqiesu l-iżviluppi b'mod integrattiv u sintetiku, isir tentattiv biex jiġu inklużi perspettivi varji li jħeġġu kontribut minn ħafna atturi, li huma involuti fil-qasam tal-asil f'kapaċitajiet differenti. Għal dan il-għan, it-tim li jabbozza r-Rapport Annwali tal-EASO, minbarra li jimmonitorja kostantement l-iżviluppi billi jwettaq riċerka dokumentata matul is-sena ta' referenza minn sorsi diġà eżistenti, nieda għadd ta' proċessi ta' input, maħsuba biex jikkontribwixxu għar-rapport, dejjem f'konsultazzjoni ma' sħab ewlenin, inklużi l-UNHCR

u n-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni, l-akkademja u gruppi ta' riflessjoni. Intalab ukoll il-kontribut għar-rapport annwali speċifikament mis-soċjetà ċivili, u dan irriżulta f'kontributi minn 27 organizzazzjoni. Il-biblijografija ġenerali tar-rapport telenka aktar minn 620 dokument li ġew ikkonsultati matul il-proċess tal-abbozzar.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat ukoll online f'format attraenti u faċli għall-utent, inkluż sommarju eżekuttiv tas-sejbiet ewlenin disponibbli b'24 lingwa Ewropea.

4. It-Taħriġ

4.1 Il-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO

Il-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO

Sistema komuni ta' taħriġ vokazzjonali li tkopri l-aspetti ewlenin tal-proċedura tal-asil. Din tinkludi metodoloġija mħallta ta' tagħlim, li tgħaqqad it-tagħlim elettroniku u s-sessjonijiet wiċċ imb wiċċ, ma' approċċ teoretiku u Prattiku.

L-EASO kompla jikkonsolida l-kurrikulu ta' taħriġ tiegħu b'materjal ta' taħriġ ġdid u aġġornat, li jwieġeb għal żviluppi ġodda u bidliet fil-qasam tal-asil tal-UE.

| 6 622 parteċipant imħarrġa f'sessjonijiet annwali ta' taħriġ għal min iħarreġ organizzati direttament mill-EASO, u f'sessjonijiet ta' taħriġ nazzjonali organizzati mill-Istati Membri.


| 421 sessjoni nazzjonali mwassla fil-pajjiżi tal-UE+ u f'pajjiżi terzi.

| L-iżvilupp ta' 3 moduli ġodda ta' taħriġ u l-aġġornament ta' 2 moduli ta' taħriġ.

Fl-2019 tlestew tliet moduli ta' taħriġ bħala parti mill-proċess ta' konsolidazzjoni: MedCOI (Informazzjoni medika dwar il-pajjiż tal-orġini); Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' orġini (COI); u l-Ġestjoni fil-kuntest tal-asil. Ġew żviluppati wkoll moduli ġodda ta' taħriġ dwar l-akkoljenza ta' persuni vulnerabbli; ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali; u ġew aġġornati l-moduli dwar il-valutazzjoni tal-evidenza u l-esklużjoni. L-EASO kkonsulta mill-qrib il-pajjiżi tal-UE+ biex jimmonitorja u janalizza l-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-pjanijiet ta' taħriġ tagħhom.

Is-sessjonijiet ta' taħriġ għal min iħarreġ għandhom effett multiplikatur, fejn bħala medja, kull parteċipant jista' mbagħad iħarreġ 12-il parteċipant fil-livell nazzjonali. Matul is-sena, saru 39 sessjoni ta' taħriġ għal min iħarreġ fuq 21 modulu differenti fil-Kwartieri Ġenerali tal-EASO f'Malta (23); fil-livell reġjonali f'Ruma (4) u f'Ateni (4); u fil-livell nazzjonali fil-Ġermanja (6), il-Belġju (1) u n-Netherlands (1). 556 uffiċjal tal-asil ipparteċipaw f'dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ għal min iħarreġ, li jirrappreżentaw żieda ta' 6 % fuq l-2018.

Parteċipazzjonijiet fil-kurrikulu tat-taħriġ mill-2012 sal-2019




Il-parteċipazzjoni globali fis-sessjonijiet tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO (taħriġ għal min iħarreġ u nazzjonali) kienet tammonta għal 6 622 parteċipant. Il-moduli ewlenin dwar *l-Inklużjoni*, *it-Tekniki tal-Intervistar* u *l-Valutazzjoni tal-Evidenza* baqgħu t-tliet moduli l-aktar popolari, u fil-fatt attiraw 54 % tal-parteċipazzjonijiet totali. Ir-raġuni għaliex dawn il-moduli jibqgħu tant popolari mal-parteċipanti ġejja

mill-fatt li l-għarfien dwar il-kwalifikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, it-tekniki għall-intervistar tal-persuni li jfittxu l-asil, u l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-evidenza, huma fundamentali għal sistema effiċjenti tal-asil konformi mas-SEKA.

It-tieni moduli l-aktar popolari jiffukaw fuq applikanti bi bżonnijiet speċjali. Din hija xejra osservata f'dawn

I-aħħar snin. Fl-2019, il-modulu tal-*Intervistar ta' Persuni Vulnerabbli* ikklassifika fir-raba' pożizzjoni (559 parteċipant), segwit mill-*Intervistar tat-Tfal* (480 parteċipant), u *Il-Ġeneru, l-identità tal-Ġeneru u l-Orientazzjoni Sesswali* (393 parteċipant). Barra minn hekk, il-modulu *tat-Traffikar tal-Bnedmin* attira żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni meta mqabbel mas-snin preċedenti (+ 191 %).

Parteċipazzjoni fil-kurrikulu tat-taħriġ fl-2019




L-EASO kompla wkoll bil-kollaborazzjoni tiegħu ma' pajjiżi terzi. B'kolloxx, intużaw 16-il modulu ta' taħriġ differenti tal-EASO fil-qafas tad-dimensjoni esterna. Għall-ewwel darba, l-EASO ħarreġ lill-awtoritajiet tal-asil mill-Eġittu, fi ħdan proġett usa' mmirat biex jappoġġa lill-Eġittu fl-istabbiliment tas-sistema tal-asil tiegħu.

Osservazzjoni oħra rigward l-implimentazzjoni tal-kurrikulu tat-taħriġ tikkonċerna l-parteeċipazzjoni f'moduli ta' għarfien speċjalizzat tal-EASO. L-akbar żieda fl-għadd ta' persuni mħarrġa ġiet osservata għall-modulu ta' *Tmiem il-Protezzjoni* (+530 % vs 2018) u *l-Inklużjoni Avanzata* (+262 %). Barra minn hekk, l-użu tal-*Modulu tal-akkoljenza* żdied għal 511-il parteċipant fl-2019, żieda minn 317 fl-2018 (+61 %).

L-EASO żgura wkoll taħriġ għall-persunal tiegħu stess fuq il-moduli tal-kurrikulu tat-taħriġ *Introduzzjoni għall-Protezzjoni Internazzjonali* u *s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil*.

L-għadd ta' parteċipazzjonijiet fil-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO fl-2019



4.2 Ċertifikazzjoni u akkreditazzjoni

Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki Settorjali għall-Uffiċjali tal-Asil u tal-Akkoljenza (ESQF), żviluppat fl-2019, jistabbilixxi qafas għall-immappjar estensiv tal-kompiti tal-impjeggi għall-uffiċjali tal-asil u l-identifikazzjoni tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa mill-uffiċjali biex iwettqu l-kompiti tagħhom (standards tal-impjeggi), inkluż it-tagħlim meħtieġ (standards edukattivi).

Il-Grupp ta' Ħidma dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Akkreditazzjoni (CAWG) iltaqa' f'diversi okkażjonijiet fl-2019 biex jimmappja l-istandards tal-impjeggi u dawk edukattivi għall-uffiċjali tal-asil u tal-akkoljenza f'Qafas tal-Kwalifiki Settorjali għall-Uffiċjali tal-Asil u tal-Akkoljenza (ESQF), li ġie vvalidat mill-Istati Membri sa tmiem is-sena.

Bħala qafas ta' referenza, l-ESQF jiffaċilita t-tqabbil ta' korsijiet ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-asil u tal-akkoljenza fl-UE kollha, u b'hekk jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni armonizzata tas-SEKA u għal taħriġ li jappoġġa l-interoperabbiltà. Jista' jintuża wkoll fis-sistemi nazzjonali ta' taħriġ tal-Istati Membri biex jgħin fit-tfassil tat-taħriġ u biex jipprovdi appoġġ lil firxa ta' funzjonijiet ta' riżorsi umani. L-ESQF tfassal mal-Istati Membri għall-Istati Membri, biex jippermetti taħriġ adattat għall-iskop għall-uffiċjali tal-asil u tal-akkoljenza. Huwa komprensiv, u jkopri l-kompiti differenti kollha tal-impjeg, u t-tagħlim assoċjat li huwa meħtieġ mill-uffiċjali f'kull Stat Membru, irrISPETTIVAMENT mis-sistema nazzjonali.

| L-iżvilupp ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki Settorjali għall-Uffiċjali tal-Asil u tal-Akkoljenza (ESQF)

| Il-ħolqien ta' linja bażi għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fit-taħriġ u pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' Sistema ta' Governanza tat-Taħriġ (TGS)

Barra minn hekk, flimkien mal-Istati Membri, l-EASO ħoloq linja bażi għall-assigurazzjoni tal-kwalità fit-taħriġ permezz tal-immappjar tas-sistema attwali tal-EASO skont l-10 standards ta' kwalità tal-istandards u linji gwida Ewropej għall-assigurazzjoni tal-kwalità (ESG 2015). B'riżultat ta' dan, ġie stabbilit pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' sistema ta' governanza tat-taħriġ. Is-CAWG indirizza l-aspetti differenti tas-Sistema ta' Governanza tat-Taħriġ, u b'hekk ikkontribwixxa b'mod attiv għad-dettalji tal-ewwel abbozz konsolidat tas-sistema li ġie konkluż

sal-aħħar tas-sena. It-terminu assigurarazzjoni tal-kwalità jiġbor l-attivitajiet kollha fiċ-ċiklu ta' titjib kontinwu li huwa prinċipalment ir-riżultat tal-interazzjoni bejn min iħarreġ, min jiħarreġ, l-EASO u l-Istati Membri. L-assigurarazzjoni tal-kwalità tfittex li tiżgura ambjent ta' tagħlim li fih il-kontenut tal-programmi, l-opportunitajiet ta' tagħlim u l-faċilitajiet ikunu adattati għall-iskop tagħhom.

Is-sistema ta' governanza tat-taħriġ se tipprovdi aktar responsabbiltà u ttejjeb il-kwalità tal-kurrikulu ta' taħriġ tal-EASO.

4.3 It-tagħlim elettroniku u l-appoġġ didattiku

Il-metodoloġija ta' tagħlim imħallat tal-EASO — li tikkombina format ta' tagħlim elettroniku online u sessjonijiet wiċċ imb wiċċ — hija appoġġata mis-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim tal-EASO (LMS) u l-applikazzjoni integrata ta' reġistrazzjoni tagħha, ETIS (Sistema ta' Integrazzjoni tat-Taħriġ tal-EASO).

Fl-2019, is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim tal-EASO (LMS) kompliet tipprovdi appoġġ għas-sessjonijiet ta' taħriġ online għal min iħarreġ u s-sessjonijiet ta' taħriġ nazzjonali. Matul is-sena, infetħu 39 sessjoni ta' taħriġ lil min iħarreġ u 421 sessjoni ta' taħriġ nazzjonali. Ġew ipproċessati b'kollox 6 994 reġistrazzjoni għas-sessjonijiet ta' taħriġ tal-LMS. Barra minn hekk, il-kontenut ta' 20 modulu ta' taħriġ kien mibni fuq l-LMS, inklużi moduli ġodda, moduli aġġornati u dawk tradotti.

| Saru laqgħat tekniċi internament u fl-Aġenziji kollha tal-UE għall-iskambju ta' prattiki tajbin u l-għoti ta' informazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-EASO dwar l-infrastruttura futura tal-ICT li tappoġġa t-tagħlim elettroniku.

| Il-provvista ta' kontenut ta' taħriġ ġdid, aġġornat u tradott permezz tal-bini ta' 20 modulu dwar l-LMS tal-EASO.

Matul l-2019, l-EASO kompli jtejjeb l-esperjenza tat-tagħlim elettroniku tiegħu billi kkunsidra żviluppi ġodda fl-ICT u tejjeb il-metodoloġija ta' tagħlim.

Fi Frar 2019, l-EASO ospita laqgħa teknika għall-amministraturi tat-tagħlim elettroniku bil-parteċipazzjoni ta' diversi aġenziji tal-UE. Il-parteċipanti skambjaw prattiki tajbin dwar l-infrastruttura u l-amministrazzjoni tal-LMS u għenu biex jagħtu informazzjoni tad-deċiżjoni tal-EASO dwar

I-infrastruttura futura tal-ICT li tappoġġa t-tagħlim elettroniku. Tnieda wkoll sħarriġ fost l-utenti kollha tal-LMS tal-EASO għall-fehmiet tagħhom dwar l-LMS. Abbażi tal-feedback riċevut, l-EASO għażel li jżomm is-soluzzjoni eżistenti tal-Pjattaforma ta' Sors Miftuħ — jiġifieri Moodle — għal-LMS tal-EASO u fi ħdan l-LMS tal-EASO fl-infrastruttura teknika tal-EASO stess.

F'Diċembru 2019, l-EASO nieda wkoll sejħa miftuħa ġdida għall-offerti għall-ħolqien online tal-kontenut tat-taħriġ li għandu jiġi inkluż fl-LMS tal-EASO. Din is-sejħa l-ġdida inkludiet speċifikazzjonijiet dwar assigurazzjoni tal-kwalità mtejba u l-użu tal-ġhodod l-aktar aġġornati għall-iżvilupp tal-kontenut online.

4.4 Appoġġ ieħor għat-taħriġ

Fl-2019, l-EASO żviluppa wkoll tliet pjanijiet ta' taħriġ *ad hoc*; tnejn ma' Spanja u wieħed ma' Malta. Fi Spanja, dan il-pjan ikkontribwixxa għat-taħriġ tal-awtoritajiet fil-qasam tal-asil u l-akkoljenza. Dan kien meħtieġ minħabba l-għadd kbir ħafna ta' persuni li jaslu fil-Peniżola Iberika li jfittxu l-asil, li fit-tieni nofs tal-2019 irreġistrat l-ogħla għadd ta' applikazzjonijiet fl-Ewropa, speċjalment applikanti mill-pajjiżi tal-Amerka Latina. Permezz ta' dawn il-pjanijiet ta' taħriġ *ad hoc*, ġew organizzati 50 sessjoni *ad hoc* (li qabżu t-tmienja previsti), li laħqu 746 parteċipant.

Fil-qafas tal-pjan ta' taħriġ *ad hoc* għal Malta, li ntemm f'Ġunju 2019, seba' parteċipanti mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati ngħataw taħriġ fil-moduli ewlenin tal-EASO.

5. Appoġġ għall-asil

5.1 Il-proċessi tal-asil

It-tnedija ta' żewġ għodod prattiċi dwar il-proċessi tal-asil

| EASO Practical guidance on Operational Standards and Indicators for the Asylum Procedure (ippublikata f'Settembru 2019);


| L-applikazzjoni tal-EASO dwar il-Gwidi Prattiċi ewlenin: l-Intervista Personali, il-Valutazzjoni tal-Evidenza, u l-Kwalifikazzjoni għall-Protezzjoni Internazzjonali.

L-EASO kompli jnvolvi ruħu b'mod effettiv f'kooperazzjoni prattika mal-pajjiżi tal-UE+ fl-attivitajiet kollha rilevanti għall-ħidma dwar il-proċessi tal-asil, inkluż permezz tal-ħidma tan-*Network tal-Proċessi tal-Asil tal-EASO*. Fl-2019 ġew organizzati żewġ laqgħat tematiki tal-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs). Il-laqgħa tematika dwar *l-Irtirar tal-protezzjoni internazzjonali b'fokus ġeografiku*, saret f'Malta fil-11 u t-12 ta' April 2020, fejn il-parteċipanti ddiskutew b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-klawżoli ta' waqfien b'rabta ma' ċirkustanzi li waqfu. Wara diskussjonijiet fil-Bord tat-Tmexxija tal-EASO, ġiet organizzata laqgħa tematika oħra dwar *il-Ġestjoni tax-Xogħol b'Lura f'Ateni* f'Ottubru 2019, b'fokus fuq il-vantaġġi u l-limitazzjonijiet ta' sistemi differenti ta' "traċċar" u sistemi effettivi ta' monitoraġġ.

F'Novembru 2019, in-*Network tal-Proċessi tal-Asil tal-EASO* itaqa' fi Brussell għal-laqgħa annwali tiegħu, fejn iddiskuta l-garanziji għall-applikanti fi proċeduri speċjali. L-avveniment inżamm eżatt wara l-Forum Konsultattiv tal-EASO.

Żewġ prodotti relatati mal-proċessi tal-asil ġew żviluppati u ppublikati fl-2019. Il-Gwida Prattika tal-EASO *Standards Operazzjonali u Indikaturi għall-Proċedura tal-Asil* ġiet ippublikata f'Settembru 2019, wara l-adozzjoni tagħha mill-Bord tat-Tmexxija tal-EASO. Il-gwida hija mfassla biex isservi bħala għodda biex issaħħa jew tiżviluppa aktar il-proċeduri nazzjonali tal-asil u biex tiżgura l-implimentazzjoni

effettiva tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva 2013/32/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 (APD) u biex tappoġġa inizjattivi għat-titjib tal-proċess. Barra minn hekk, il-gwida tista' sservi ta' referenza għall-iżvilupp ta' oqfsa ta' monitoraġġ u għat-twettiq ta' awtovalutazzjonijiet tal-proċeduri nazzjonali dwar il-kwalità tas-sistemi ta' proċedura tal-asil.



L-EASO nieda wkoll l-applikazzjoni tal-EASO dwar il-gwidi prattiċi ewlenin: l-intervista personali, il-valutazzjoni tal-evidenza, u l-kwalifikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Ġew ippublikati żewġ rapporti tematiki tal-Matriċi tal-Kwalità dwar: *il-Ġestjoni tal-Kwalità* u *l-Irtirar tal-protezzjoni internazzjonali*. Inbeda aġġornament tar-rapport tal-Matriċi tal-Kwalità dwar l-intervista personali u dan huwa ppjanat li jiġi ppublikat fl-2020.

Inbeda wkoll l-iżvilupp tal-*EASO Guidance on the use of country of origin information by case officers*, u dan jinkludi l-iżvilupp tal-Għodda prattika tal-EASO dwar ir-reġistrazzjoni (il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali). Fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-kwalità, l-EASO għamel preżentazzjoni dwar l-Għodda ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-EASO lill-awtoritajiet Taljani tal-asil u lill-UNHCR.

5.2 In-networks ta' kooperazzjoni Prattika

Il-promozzjoni tal-iskambju tal-għarfien espert fost l-Istati Membri

- | L-appoġġ għall-kooperazzjoni Prattika fost l-Istati Membri permezz tal-ħidma rispettiva tan-*Network* tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza, in-*Network* tal-Unitajiet ta' Dublin, u n-*Network* tal-Esperti dwar il-Vulnerabbiltà tal-EASO.
- | Laqgħat tematiċi tal-esperti dwar kwistjonijiet topiċi fl-oqsma tal-Akkoljenza, ta' Dublin u tal-Vulnerabbiltà.
- | Għodod Prattiki biex jgħinu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-SEKA

Skont l-oġettiv ġenerali tiegħu li jappoġġa lill-Istati Membri fit-tiżni tal-kapaċitajiet tagħhom biex jimplimentaw is-SEKA, u biex tinkiseb konverġenza fl-applikazzjoni ta' standards komuni, l-EASO kompli jappoġġa l-kooperazzjoni Prattika tal-Istati Membri permezz tal-ħidma rispettiva tan-*Network* tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza, in-*Network* tal-Kapijiet tal-Unitajiet ta' Dublin, u n-*Network* tal-Esperti dwar il-Vulnerabbiltà tal-EASO. Abbażi tal-prijoritajiet identifikati matul dawn il-laqgħat biennali tan-*networks* fl-2019, l-EASO żviluppa u ppubblika seba' għodod Prattiki maħsuba biex jappoġġaw il-ħidma ta' kuljum tal-uffiċjali tal-Akkoljenza, ta' Dublin u tal-Vulnerabbiltà.

Dawn l-għodod jipprovdu gwida, pereżempju, dwar l-aħjar interessi tat-tfal; il-proċess ta' valutazzjoni tal-età; rapport dwar il-proċeduri tal-asil għat-tfal; gwida Prattika dwar ir-Regolament ta' Dublin — intervista u valutazzjoni tal-evidenza; l-iżvilupp tal-gwida dwar il-proċedura ta' Dublin: standards u indikaturi operazzjonali; l-iżvolġiment tal-intervisti personali u l-valutazzjoni tal-evidenza skont ir-Regolament ta' Dublin III, kif ukoll rakkomandazzjonijiet dwar it-trasferimenti ta' Dublin.

Fl-2019, l-attivitajiet ta' kooperazzjoni Prattika ġew imħeġġa permezz tal-organizzazzjoni ta' diversi laqgħat tematiċi dwar is-suġġetti tal-valutazzjoni tal-età; it-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni internazzjonali; it-tfal fil-qafas ta' Dublin; l-użu ta' *DubliNet*; l-għoti ta' informazzjoni fl-Akkoljenza; u dwar l-impatt ta' soġġorni fit-tul fiċ-ċentri ta' akkoljenza. Il-laqgħat tematiċi servew biex jiġu identifikati Prattiki tajbin u sfidi komuni eżistenti

u biex jissimplifikaw l-isforzi fit-titjib tal-Prattiki fil-pajjiżi kollha tal-UE+.

Ġew organizzati programmi ta' skambju fil-qasam tal-Akkoljenza u ta' Dublin permezz ta' ħames żjarat ta' studju li ffaċilitaw l-iskambju ta' għarfien Prattiku u rieżami kritiku tal-ħbieb fost il-pari, bil-kondiviżjoni tal-esperjenzi tagħhom fost 29 rappreżentant tal-Unitajiet ta' Dublin u awtoritajiet tal-Akkoljenza minn 10 pajjiż tal-UE+. Is-suġġetti taż-żjarat ta' studju kienu t-Tfal fil-qafas ta' Dublin, l-approċċ integrat fiċ-ċentri tal-wasla, u l-impatt ta' soġġorni fit-tul fl-Akkoljenza.

Bullettini perjodiċi ta' kull tliet xhur ġew kondiviżi man-*Network* tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza u man-*Network* tal-Unitajiet ta' Dublin, u pprovdew aġġornamenti f'waqthom dwar bidliet fil-leġiżlazzjoni, fil-każistika, kif ukoll kwistjonijiet ta' organizzazzjoni u analiżi tad-*data* fil-qasam tal-Akkoljenza u dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.

5.2.1 In-*Network* tal-EASO dwar il-Gruppi Vulnerabbli

Sforzi konsolidati biex tiġi integrata l-vulnerabbiltà fil-qasam tal-asil:

- | Laqgħat tan-*Network* tal-Esperti dwar il-Vulnerabbiltà tal-EASO.
- | Laqgħat tematiċi tal-esperti dwar il-valutazzjoni tal-età, u dwar l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali f'każijiet ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.
- | Għodod Prattiki biex jgħinu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-SEKA

L-EASO ilu sa mill-bidu tiegħu jappoġġa lill-Istati Membri fl-integrazzjoni tal-vulnerabbiltà tul il-katina sħiħa tal-asil biex irawwem il-konverġenza tal-istandards tal-UE fl-identifikazzjoni u l-appoġġ lill-applikanti bi bżonnijiet speċjali. Azzjonijiet bħall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċjali u r-rispons permezz ta' referenza ġew integrati fl-oqsma kollha tal-attivitajiet tal-EASO bħat-taħriġ, l-appoġġ għall-kwalità u s-COI, kif ukoll l-operazzjonijiet.

Fl-2019, l-EASO kompli jiffoka l-attivitajiet tiegħu fuq it-tfal, inklużi l-minorenni mhux akkumpanjati, filwaqt li enfażizza r-rabta bejn l-asil u t-traffikar tal-bnedmin u identifika oqsma ġodda ta' attività bħas-saħħa mentali u l-benesseri tal-persunal fl-asil u l-Akkoljenza. B'dan il-mod, l-EASO żamm il-kooperazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji assoċjati, inkluż

is-CEPOL, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Frontex, flimkien mal-UNHCR u mal-IOM fost oħrajn, fir-rigward tal-applikanti vulnerabbli.

Stabbilit fl-2018, in-Network tal-Esperti dwar il-Vulnerabbiltà tal-EASO (VEN) kiber fi strument importanti biex jissimplifika l-għarfien espert tal-Istati Membri fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet u fl-istabbiliment ta' objettivi fl-indirizzar tal-vulnerabbiltà fil-qasam tal-asil. Magħmul minn rappreżentanti mill-pajjiżi tal-UE+, il-Kummissjoni Ewropea, l-aġenziji tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; il-VEN jipprovdi pjattaforma unika għad-diskussjoni dwar l-isfidi u l-iskambju ta' prattiki tajbin fost il-partijiet ikkonċernati b'mandati u responsabbiltajiet differenti. Saret laqgħa tal-Grupp Konsultattiv tal-VEN f'Settembru 2019. Il-prijoritajiet proposti mill-Grupp Konsultattiv ġew diskussi waqt it-tieni Konferenza Annwali tal-VEN li saret f'Malta f'Ottubru 2019, u ġew issimplifikati f'oqsma tematiċi speċifiċi biex isiru l-fokus tax-xogħol fl-2020. Laqgħa tal-grupp ta' tmexxija tal-VEN, li nżammet eżatt wara l-Konferenza Annwali tal-VEN, iddeċidiet dwar l-oqsma ta' priyorità u l-attivitajiet li għandhom jiġu indirizzati fil-pjan annwali tal-VEN għall-2020.

Fl-2019, saru żewġ laqgħat tematiċi fil-qasam tal-vulnerabbiltà. L-EASO organizza laqgħa tematika dwar il-valutazzjoni tal-età b'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fi Frar 2019 fi Spanja, u din ipprovdiet pjattaforma għad-diskussjoni dwar l-isfidi u l-prattiki tajbin fil-valutazzjoni tal-età fost l-Istati Membri u l-atturi rilevanti tal-UE. Laqgħa tematika oħra dwar ir-rabta bejn it-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni internazzjonali saret f'April 2019 f'Malta. Ġie ssuġġerit sett ta' rakkomandazzjonijiet fil-laqgħa għal titjib fl-identifikazzjoni u fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali f'każijiet ta' vittmi tat-traffikar.

Fl-2019, l-EASO żviluppa tliet għodod prattiki ta' appoġġ fil-qasam tal-vulnerabbiltà. L-*EASO Gwida Prattika dwar l-Aħjar Interessi tat-Tfal fi proċeduri tal-asil* ġiet ippubblikata fi Frar 2019 biex tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal u fit-tiżi tal-garanziji fi ħdan il-proċeduri tal-asil għat-tfal. Il-gwida hija kkomplementata b'ħarsa ġenerali lejn it-terminoloġija, lista komprensiva ta' kontroll kif ukoll dokumenti ta' politika, gwida u qafas legali rilevanti. Fi sforz biex jappoġġa lill-pajjiżi tal-UE+ fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mat-tfal fil-proċeduri tal-asil, l-EASO ppubblika r-*Rapport dwar il-Proċeduri tal-Asil għat-Tfal*, li jippreżenta prattiki

u politiki nazzjonali f'dan il-qasam, jidentifika lakuni kif ukoll prattiki tajba fil-pajjiżi kollha tal-UE+, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet ewlenin biex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal fit-territorju tal-UE. L-*EASO Animation on age assessment* tipprovdi lill-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+ b'għodda viżiva biex tiggwida l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal fil-valutazzjoni tal-ħtieġa ta' eżaminazzjoni tal-età u t-tfassil u t-twettiq ta' valutazzjoni tal-età.



B'rispons għal priyorità ġdida stabbilita min-Network tal-Esperti dwar il-Vulnerabbiltà biex tappoġġa l-benesseri tal-persunal fil-qasam tal-asil u l-akkoljenza, l-EASO ħareġ il-*Mapping Report on Staff Welfare Initiatives Introduced by Agencies Working in the Field of Asylum in Europe and Beyond*. Ir-rapport jidentifika l-prattiki tajbin u l-lakuni fil-qasam fl-UE+ kollha biex jgħin fl-identifikazzjoni ta' kif l-EASO jista' jgħin lill-awtoritajiet biex jappoġġaw il-persunal tagħhom b'mod aktar effiċjenti.

5.2.2 In-Network tal-EASO tal-Unitajiet ta' Dublin

Appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III, li jiżgura konformità mtejbja mas-SEKA:

- | Laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tan-Network tal-Unitajiet ta' Dublin tal-EASO
- | Laqgħat tematiċi tal-esperti dwar it-Tfal skont il-proċedura ta' Dublin, u dwar DubliNet, b'kollaborazzjoni mal-eu-LISA.
- | Programm ta' skambju, inklużi żjarat organizzati dwar is-suġġett tat-tfal skont il-proċedura ta' Dublin.
- | Bullettini perjodiċi kondiviżi mal-membri tan-Network tal-Unitajiet ta' Dublin.

Skont l-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni, l-EASO qed jappoġġa lill-Istati Membri tal-UE

fl-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III; biex jiżdied l-għadd ta' trasferimenti skont Dublin, jitnaqqas id-dewmien fil-proċess ta' trasferiment, jiġu applikati b'mod konsistenti l-klawżoli legali relatati mar-riunifikazzjoni tal-familja, kif ukoll isir użu usa' u aktar regolari mill-klawżoli diskrezzjonali maħsuba biex itaffu l-persjoni fuq l-Istati Membri li jinsabu fil-fruntiera esterna tal-UE.

L-istrument ewlieni biex jiġi pprovdut forum għall-kooperazzjoni Prattika u l-komunikazzjoni bejn l-Unitajiet nazzjonali ta' Dublin u għad-diskussjonijiet dwar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet attwali fi ħdan il-kuntest ta' Dublin kien in-**Network tal-Unitajiet ta' Dublin tal-EASO** li ġie stabbilit fl-2016. Skont il-programm ta' ħidma tiegħu għall-2019, in-network kompli jorganizza diskussjonijiet fil-livelli għolja u tal-esperti, ħareġ erba' rapporti ta' aġġornament kull tliet xhur fi ħdan in-network, u ffaċilita l-komunikazzjoni ta' mistoqsijiet speċifiċi relatati ma' Dublin permezz tal-pjattaforma elettronika ddedikata tan-network. In-network kompli jiżviluppa gwidi Prattiki biex jappoġġa lill-Istati Membri.

Fl-2019 saru żewġ laqgħat tal-gruppi ta' tmexxija tan-Network tal-Unitajiet ta' Dublin tal-EASO, li servew bħala forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-isfidi Prattiki li l-Istati Membri jiffaċċjaw fl-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III. Is-sitt laqgħa tal-grupp ta' tmexxija saret f'Marzu 2019, fi Brussell. Ir-rappreżentanti mill-pajjiżi tal-UE+ iddiskutew il-Prattiki fl-implimentazzjoni ta' aspetti speċifiċi tar-Regolament ta' Dublin III bħar-regola tal-kontinwità ("chain rule"), it-talbiet għall-informazzjoni u t-talbiet għal rieżaminazzjoni. Is-seba' laqgħa tal-grupp ta' tmexxija saret f'Ottubru 2019 f'Malta u attendew għaliha rappreżentanti tal-pajjiżi tal-UE+ kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea, l-eu-LISA u l-UNHCR. Id-diskussjoni ffukat fuq Prattiki relatati ma' żbarki *ad hoc*, talbiet għal rieżaminazzjoni u informazzjoni, kif ukoll fuq esperjenzi pożittivi rigward arranġamenti amministrattivi bilaterali u d-delegazzjoni ta' uffiċjali ta' kollegament lil Stati Membri oħra.



Is-seba' laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija tan-Network tal-Unitajiet ta' Dublin tal-EASO 14 u 15 ta' Ottubru 2019, Malta

F'Mejju 2019 saret laqgħa tematika tal-esperti dwar it-*Tfal skont il-Proċedura ta' Dublin* f'Malta u din serviet biex tidentifika l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw il-ħaddiema tal-każijiet fl-oqsma tal-valutazzjoni tal-età, it-traċċar tal-familja u l-valutazzjoni tal-evidenza, kif ukoll biex jittressqu rakkomandazzjonijiet dwar kif dawn jiġu indirizzati. Laqgħa tematika oħra tal-esperti dwar *DubliNet* saret f'kooperazzjoni mal-eu-LISA f'Settembru 2019 fi Brussell. Id-diskussjoni dwar l-isfidi Prattiki u tekniċi rigward l-operat ta' DubliNet u s-sistemi tekniċi assoċjati mal-proċedura ta' Dublin serviet biex tipprovdid aġġornament dwar l-aħjar żviluppi rigward DubliNet fuq il-livell ta' politika, tekniċi u operazzjonali.

Fl-2019 tnieda Programm ta' Skambju ta' Dublin bħala għodda Prattika biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' għarfien u esperjenza fost l-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+. Il-programm ta' skambju involva żewġ żjarat fl-Unitajiet ta' Dublin tal-pajjiżi ospitanti fin-Netherlands (6–7 ta' Novembru) u fil-Greċja (13–14 ta' Novembru) minn total ta' 10 esperti parteċipanti mid-Danimarka, ir-Rumanija u Spanja, minbarra l-pajjiżi ospitanti. Is-suġġett taż-żjarat ta' skambju tal-2019 kien it-*Tfal skont il-Proċedura ta' Dublin: l-aħjar Prattiki għas-salvagwardja tal-aħjar interess tat-tfal*. Il-parteeċipanti qiesu li ż-żewġ żjarat kienu ta' suċċess biex jifhmu aħjar il-proġetti, il-Prattiki u l-inizjattivi fil-qasam permezz ta' interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-Istati Membri li żaru.

Għodod prattiċi tal-EASO żviluppati fl-2019:

- | Gwida Prattika tal-EASO dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III: Intervista Personali u Valutazzjoni tal-Evidenza.
- | Rakkomandazzjonijiet tan-Network tal-Unitajiet ta' Dublin tal-EASO u Trasferimenti skont Dublin.
- | Gwida Prattika tal-EASO dwar ir-Regolament ta' Dublin — Intervista u Valutazzjoni tal-Evidenza.
- | Gwida tal-EASO dwar il-Proċedura ta' Dublin: Standards u Indikaturi Operazzjonali.

L-EASO iffinalizza wkoll erba' għodod prattiċi fil-qasam ta' Dublin. Biex jgħin lill-prattikanti ta' Dublin jimplementaw ir-Regolament ta' Dublin III fil-ħidma tagħhom ta' kuljum, l-EASO ppubblika *Gwida Prattika dwar l-Implimentazzjon tar-Regolament ta' Dublin III: Intervista Personali u Valutazzjoni tal-Evidenza*. L-għodda tipprovdi gwida permezz tal-elementi differenti fit-twettiq ta' intervista personali u ta' valutazzjoni tal-evidenza fil-kuntest tal-proċedura ta' Dublin, kif ukoll referenzi għal-leġiżlazzjoni, il-każistika rilevanti u sorsi addizzjonali. L-*EASO Gwida dwar il-Proċedura ta' Dublin: Standards u Indikaturi Operazzjonali* tappoġġa l-operazzjoni teknika tal-Unitajiet ta' Dublin billi tħaddem id-dispożizzjonijiet legali eżistenti tar-Regolament ta' Dublin III u billi tistabbilixxi qafas għall-awtovalutazzjoni. Barra minn hekk, ġew kondiviżi erba' bullettini perjodiċi man-Network tal-Unitajiet ta' Dublin li jagħtu prova ta' aġġornamenti f'waqthom dwar bidliet fil-leġiżlazzjoni, il-każistika, kif ukoll kwistjonijiet organizzattivi u analiżi tad-*data* dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.

5.2.3 In-Network tal-EASO tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza

It-tiġn tal-kwalità tas-sistemi tal-akkoljenza fl-UE+, bil-bini fuq l-esperjenza rikka tal-membri tan-Network tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza:

- | Laqgħat tan-Network tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza tal-EASO.
- | Laqgħat tematiċi tal-esperti dwar l-Għoti ta' Informazzjoni fl-Akkoljenza, u dwar l-Impatt ta' soġġorni fit-tul fiċ-ċentri tal-akkoljenza.
- | Programmi ta' skambju, inklużi żjarat organizzati.
- | Bullettini perjodiċi kondiviżi mal-membri tan-Network tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza.

F'konformità mal-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni, fl-2019 l-EASO kompli bil-ħidma tiegħu fil-qasam tal-akkoljenza billi pprova appoġġ lill-pajjiżi tal-UE+ bit-titjib tal-istandards tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza filwaqt li jsaħħa id-drittijiet fundamentali tal-persuni li jfittxu l-asil u joqgħod attent għall-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli. Permezz tan-Network tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza, l-EASO kompli jrawwem l-iskambju ta' informazzjoni, esperjenzi u tal-aħjar prattiki fis-sistemi tal-akkoljenza; sabiex jiġbor flimkien l-għarfien espert u jiżviluppa għodod u gwidi speċifiċi, inkluż il-ġbir imtejjeb tad-*data* fil-qasam tal-akkoljenza fi ħdan il-qafas tas-SEKA.

In-Network tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza tal-EASO ltaqa' f'Malta f'Ġunju 2019 biex jiddiskuti l-aħħar żviluppi fil-livell nazzjonali u tal-UE fil-qasam tal-għoti ta' informazzjoni fl-akkoljenza, prattiki ta' akkoljenza tal-ewwel u tat-tieni linja u t-tranżizzjoni lejn l-integrazzjoni, inkluża l-ħidma ma' "residenti diffiċli".

It-tieni laqgħa tan-Network tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza tal-EASO saret f'The Hague f'Diċembru 2019 u għaliha attendew rappreżentanti ta' livell għoli tal-Aġenzija Ċentrali għall-Akkoljenza tal-Persuni li Jfittxu l-Asil fin-Netherlands (COA) fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tagħha. Minbarra d-diskussjoni dwar l-aħħar żviluppi fil-qasam tal-akkoljenza fil-pajjiżi tal-UE+ kollha u l-prijoritajiet tan-network għall-2020, il-parteċipanti ffamiljarizzaw ruħhom mal-approċċ integrat Netherlandiż fiċ-ċentri tal-wasla għall-persuni li jfittxu l-asil bħala mudell tajjeb għall-Ewropa.



It-tieni laqgħa tan-Network tal-EASO tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza, 3 u 4 ta' Diċembru 2019, in-Netherlands.

Ġew organizzati żewġ sessjonijiet ta' ħidma tematiċi separati dwar l-għoti ta' informazzjoni fl-akkoljenza f'Mejju 2019, f'Sevilja, Spanja u dwar l-impatt ta' soġġorni fit-tul fiċ-ċentri tal-akkoljenza f'Ottubru 2019 f'Brno, iċ-Ċekja. Il-parteċipanti fiż-żewġ sessjonijiet ta' ħidma ddiskutew prattiki tajbin u sfidi fl-oqsma ta' akkoljenza rispettivi kif ukoll modi biex jitrawwem it-titjib u r-rwol li l-EASO jista' jkollu f'dan il-proċess.

L-EASO organizza tliet żjarat ta' skambju għall-parteċipanti minn tmien awtoritajiet tal-akkoljenza tal-Istati Membri tal-UE biex jiffaċilita l-iskambju dirett ta' għarfien u esperjenza bejniethom. Iż-żjarat ta' studju fis-Slovakkja f'April 2019 (Ċentru tal-Wasla Humenne) u fin-Netherlands f'April 2019 (Ċentru tal-Wasla Ter Apel) iffukaw fuq *l-approċċ integrat fiċ-ċentri tal-wasla* filwaqt li ż-żjara fin-Norveġja f'Novembru 2019 (Ċentri tal-Wasla ta' Nannestad Saerbol u Hobol) iffukat fuq *l-impatt ta' soġġorni fit-tul fl-akkoljenza*.

Barra minn hekk, erba' bullettini perjodiċi ġew kondiviżi man-Network tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza li taw prova ta' aġġornamenti f'waqthom dwar bidliet fil-leġiżlazzjoni, il-każistika, kif ukoll kwistjonijiet organizzattivi u l-analiżi tad-*data* relatata mal-akkoljenza.

It-tim tal-akkoljenza tal-EASO kien attiv ukoll fl-appoġġ tal-operazzjonijiet tal-EASO u tal-attivitajiet ta' dimensjoni esterna, pereżempju, permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni apposta (ippjanar ta' kontinġenza fit-Turkija, u f'Ċipru; gwida dwar il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza, inkluż għal minorenni mhux akkumpanjati għall-awtoritajiet Ċiprijotti, Griegi u Taljani; u l-aħjar prattiki tal-akkoljenza lill-awtoritajiet Irlandiżi) jew permezz ta' żjarat ta' osservazzjoni tal-ħtiġijiet tal-akkoljenza u tal-vulnerabbiltà fil-Bożnija-Ħerzegovina.

5.2.4 In-Network tal-EASO dwar l-Esklużjoni

In-Network tal-EASO dwar l-Esklużjoni jiġbor flimkien punti ta' kuntatt tal-Istati tal-UE+, involuti fl-attivitajiet tal-EASO dwar kwistjonijiet relatati mal-esklużjonijiet mill-protezzjoni internazzjonali.

| Laqgħa Annwali tan-Network tal-EASO dwar l-Esklużjoni dwar is-Sirja.

| Laqgħa tematika tan-Network dwar l-Esklużjoni dwar il-Midja soċjali u l-Esklużjoni.

| Il-pubblikazzjoni tal-Għodda ta' skrinjar tal-esklużjoni tal-EASO dwar l-Afganistan (limitata).

F'Marzu 2019, fi Brussell saret laqgħa tematika tal-esperti dwar il-*Midja Soċjali u l-Esklużjoni*. F'Novembru 2019, saret laqgħa f'Malta tal-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs) tan-Network tal-EASO dwar l-Esklużjoni, b'enfasi tematika fuq is-Sirja.

Fl-2019 inħarġu erba' aġġornamenti perjodiċi bl-istatistika dwar il-prattiki nazzjonali.

Barra minn hekk, l-EASO żviluppa u ppubblika *Exclusion Screening Tool for Afghanistan*, u ħejja *Exclusion Screening Tool for Iraq*, li għandha titnieda fl-2020.

Fl-2019, l-EASO saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Eurojust, permezz tal-parteċipazzjoni u t-twassil ta' preżentazzjonijiet rilevanti fil-laqgħat. Wara missjoni fl-Albanija flimkien mal-Frontex f'Diċembru 2019, l-uffiċjali tal-Frontex responsabbli għall-Forum

Konsultattiv tal-Frontex ġew mistiedna jipparteċipaw fin-network dwar l-esklużjoni li jmiss, wara diskussjoni dwar il-ħolqien ta' konnessjoni bejn iż-żewġ networks.


5.3 Il-kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali

Appoġġ lill-membri tal-qrati u tat-tribunali u kooperazzjoni magħhom mill-EASO

- | It-8 Laqgħa Annwali ta' Koordinazzjoni u Ppjanar (ACPM)
- | Pubblikazzjoni żviluppata bħala parti mis-Sensjoni ta' Żvilupp Professionali (PDS) dwar l-Istandards legali għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.
- | L-ewwel Sessjoni ta' Ħidma Reġjonali tal-EASO bil-lingwa Ġermaniża.

L-EASO jappoġġa lill-membri tal-qrati u t-tribunali fit-tiħiħ tal-istandards ta' kwalità u jfittex li jtejjeb il-konsistenza fl-implimentazzjoni tal-istrumenti legali tas-SEKA. Għal dak il-għan, ġie stabbilit in-Network tal-EASO tal-Qrati u t-Tribunali u mill-2013 ġew żviluppati jew implimentati materjali u attivitajiet tas-sensjoni ta' żvilupp professjonali (PDS) għall-membri tal-qrati u t-tribunali, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja (l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-EASO). Il-kooperazzjoni tikkonsisti, fost l-oħrajn, minn materjali tal-PDS għal implimentazzjoni sussegwenti f'attivitajiet ta' taħriġ ġudizzjarju; il-ġbir u l-iskambju ta' ġurisprudenza u l-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri fil-kuntest ta' appoġġ għall-operazzjonijiet, u miżuri oħra kif meħtieġ fuq bażi *ad hoc*.

EASO Courts and Tribunals Network



In-network ikkontribwixxa b'mod pożittiv għall-iżvilupp tas-sensjoni ta' żvilupp professjonali tal-EASO għall-membri tal-qrati u t-tribunali. Barra minn hekk, ġew organizzati aktar sessjonijiet ta' ħidma tal-EASO dwar l-iżvilupp professjonali peress li l-materjal — fuq firxa akbar ta' suġġetti — sar disponibbli, b'rata globali għolja ħafna ta' sodisfazzjon fost il-parteċipanti. In-network ilu mill-2013 jiltaqa' kull sena fil-Kwartieri Ġenerali tal-EASO f'Malta għal-Laqqgħa Annwali ta' Koordinazzjoni u Ppjanar (ACPM) sabiex jiddiskuti kwistjonijiet strateġiċi u tematiċi.

Fit-23 u fl-24 ta' Jannar 2020, in-Network tal-EASO tal-Membri tal-Qrati u t-Tribunali organizza

t-tmien ACPM tiegħu f'Malta, li matulha kkunsidra l-kisbiet tiegħu fl-2019 u stabbilixxa l-pjan ta' ħidma tiegħu għall-2020. In-Network tal-EASO tal-Qrati u t-Tribunali huwa magħmul minn imħallfin u rappreżentanti ta' qrati u tribunali mill-pajjiżi kollha tal-UE+, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), flimkien ma' rappreżentanti tal-Assoċjazzjoni ta' Mħallfin Amministrattivi Ewropej (AEAJ), tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Mħallfin tar-Refuġjati u l-Migrazzjoni (IARMJ), in-Network Ewropew ta' Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) u l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA), l-Istitut tal-Liġi Ewropea (ELI) u l-UNHCR.

B'konformità mal-metodoloġija maqbula mal-partijiet ikkonċernati rilevanti iżda primarjament mal-membri tal-qrati u t-tribunali nazzjonali fl-2015 (kif emendata minn dak iż-żmien), l-EASO komplja javvanza l-preparazzjoni konġunta tal-PDS fl-2019, kif ukoll il-komunikazzjoni sussegwenti tagħhom lis-sħab rilevanti. Skont il-ħidma tiegħu f'dan il-qasam, tkomplew l-isforzi lejn l-iżvilupp u l-avvanz ta' materjali għall-użu f'attivitajiet ta' żvilupp professjonali għal membri tal-qrati u t-tribunali. Matul l-2019 għet iffinalizzata publikazzjoni waħda bħala parti mis-sensiela ta' żvilupp professjonali tal-EASO. Analiżi ġudizzjarja, Nota ta' Gwida lill-Ħarrieġa Ġudizzjarji u Kumpilazzjoni ta' Ġurisprudenza dwar *Legal standards for the reception of applicants for international protection* tlestiet fl-2019 (trid tiġi ppubblikata). Din l-analiżi ġudizzjarja għandha l-għan li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri tal-qrati u t-tribunali għodda prattika biex jifhmu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (riformulazzjoni) 2013/33/UE, li għandha l-għan li tikseb konverġenza fl-Istati Membri kollha tal-UE billi tistabbilixxi standards komuni għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. L-analiżi ġudizzjarja hija primarjament maħsuba għall-membri tal-qrati u t-tribunali tal-Istati Membri tal-UE responsabbli għas-smiġħ tal-appelli jew għar-rieżami ta' deċizzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, skont it-termini ta' kuntratt konkluż mal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Liġi tar-Refuġjati (IARLJ), għet rieżaminata u aġġornata analiżi ġudizzjarja dwar *L-Esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali* u għet

rieżaminata *Analiżi Ġudizzjarja tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni*.

Matul l-2019, 461 membru tal-qrati u tat-tribunali pparteċipaw fl-attivitajiet ta' żvilupp professjonali tal-EASO meta mqabbel mal-264 fis-sena preċedenti. Dan jinkludi żewġ attivitajiet tad-dimensjoni esterna, tmien avvenimenti operazzjonali u tlettax-il laqgħa ta' żvilupp professjonali li jindirizzaw dan li ġej.

- Id-detenzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, sessjoni pilota (Marzu 2019).
- Introduzzjoni għas-SEKA (Marzu 2019).
- Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (April 2019).
- Il-Kwalifikazzjoni għal Protezzjoni Internazzjonali (Mejju 2019).
- Il-proċeduri tal-asil u l-prinċipju ta' *non-refoulement* (Ġunju 2019).
- Id-detenzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (Ġunju 2019).
- Il-Valutazzjoni tal-Evidenza u l-Kredibbiltà (Lulju 2019).
- Sessjoni ta' ħidma reġjonali bil-lingwa Ġermaniża, Leipzig (Settembru 2019).
- It-Tmim tal-Protezzjoni Internazzjonali (Settembru 2019).
- L-Esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali (Ottubru 2019).
- Il-kwalifikazzjoni għal Protezzjoni Internazzjonali (Novembru 2019).
- Sessjoni ta' ħidma reġjonali bit-Taljan għall-membri tal-ġudikatura Taljana (Novembru 2019).
- Il-valutazzjoni tal-evidenza u l-kredibbiltà għall-imħallfin tal-Qorti Amministrattiva tal-Protezzjoni Internazzjonali f'Ċipru (Novembru 2019).



F'Settembru 2019, l-EASO organizza Sessjoni ta' Ħidma Reġjonali fil-Qorti Amministrattiva Federali tal-Ġermanja f'Leipzig. Kienet l-ewwel darba li saret Sessjoni ta' Ħidma Reġjonali bil-lingwa Ġermaniża.

Membri tal-qrati u t-tribunali mill-Ġermanja, l-Awstrija u Stati Membri oħra tal-UE pparteċipaw f'din is-sessjoni ta' ħidma u ddiskutew l-isfidi attwali għas-SEKA bl-użu ta' eżempji mill-prattika Ġermaniża

u Awstrijaka. Is-sessjoni ta' ħidma kopriet suġġetti bħad-distinzjoni bejn il-protezzjoni tar-refuġjati u l-protezzjoni sussidjarja, is-sħubija fi grupp soċjali partikolari bħala raġuni għall-persekuzzjoni, il-valutazzjoni tal-kredibbiltà f'każijiet ta' konverżjoni reliġjuża u omosesswalità, flimkien ma' alternattivi għat-titjiriet interni u l-movimenti sekondarji tar-refuġjati. Il-parteċipanti ġew ippreżentati bil-PDS tal-EASO fis-suġġetti koperti u bil-materjal tal-EASO dwar l-Afganistan permezz ta' preżentazzjoni mmexxija minn espert tas-COI tal-EASO.

It-tieni sejħa għal espressjoni ta' interess għall-Grupp ta' Ħarrieġa Ġudizzjarji tal-EASO tnediet f'Ġunju 2019, u għaliha waslu 64 applikazzjoni minn membri tal-qrati u t-tribunali tal-UE+. It-tieni laqgħa tal-Kumitat tal-Għażla, li daħħlet 37 ħarrieġ ġudizzjarju ġdid fil-grupp, saret f'Ottubru 2019. Meta kien qed jinkiteb dan, il-Grupp ta' Ħarrieġa Ġudizzjarji tal-EASO kien jinkludi 84 Ħarrieġ Ġudizzjarju meta mqabbel mas-47 fis-sena ta' qabel.

6. Attivitajiet orizzontali

6.1 Il-forum konsultattiv u s-soċjetà ċivili

Laqgħat tal-Forum Konsultattiv:

- | Laqgħa tematika dwar il-Persekuzzjoni bbażata fuq il-ġeneru (Lulju 2019).
- | Laqgħa Plenarja Annwali tal-Forum Konsultattiv dwar il-Passi inizjali fil-Proċedura tal-Asil (Novembru 2019).

L-EASO kompli jnvolvi ruħu fi djalogu mill-qrib mas-soċjetà ċivili permezz tal-forum konsultattiv tiegħu, il-pjattaforma tas-soċjetà ċivili tal-EASO, u permezz ta' konsultazzjonijiet elettroniċi dwar dokumenti ewlenin tal-EASO.

Il-forum konsultattiv iltaqa' f'żewġ okkażjonijiet fl-2019. F'Lulju saret laqgħa tematika dwar il-Persekuzzjoni relatata mal-ġeneru, segwita mil-laqgħa plenarja tal-forum konsultattiv dwar il-passi inizjali fil-proċedura tal-asil, li ġiet ospitata fi Brussell fit-12 ta' Novembru 2019. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) kienu involuti mill-qrib fit-tnejn taż-żewġ avvenimenti, billi taw il-kontribut tagħhom permezz ta' s'harrig pubbliku li sar mal-membri kollha tal-forum konsultattiv, u permezz ta' konsultazzjonijiet wiċċ imb wiċċ ma' diversi OSĊ b'għarfien espert dwar suġġetti identifikati. Dak li spikka mis-snin preċedenti kien il-livell tal-eżitu miż-żewġ laqgħat, fejn il-parteċipanti ddiskutew u taw prijorità lir-rakkomandazzjonijiet.

Matul is-sena ġew organizzati wkoll sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma li pprovdew pjattaforma biex il-gruppi ta' riflessjoni, l-akkademiċi, l-NGOs u l-OSĊ jingħaqdu flimkien u jikkontribwixxu għar-Rapport Annwali tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-UE, u biex jiġu diskussi x-xejriet ewlenin fil-qasam tal-asil.

L-OSĊ iprovdew 122 kontribut b'rispons għall-konsultazzjonijiet immedija mill-EASO dwar dokumenti ewlenin, inkluż: ir-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil 2018; l-abbozz tal-programm ta' ħidma tal-EASO għall-2020; ir-rapport ġenerali annwali tal-EASO 2018; u l-analiżi ġudizzjarja dwar standards legali għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Għadd ta' OSĊ magħżula kienu involuti wkoll fi gruppi ta' referenza dwar it-taħriġ u l-għodod prattiċi. Aktar minn 30 OSĊ ipparteċipaw fil-grupp konsultattiv tal-VEN tal-EASO, b'diversi esperti oħra tal-OSĊ li pparteċipaw f'laqgħat, sessjonijiet ta' ħidma, u konferenzi dwar is-COI, u pprovdew kontribut espert għall-produttjoni ta' rapporti tas-COI.

L-EASO stess ipparteċipa b'mod attiv f'networks tas-soċjetà ċivili, fosthom il-Forum Konsultattiv tal-Frontex, in-Network ta' Prattikanti dwar id-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili organizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), il-Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni, u l-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Bini tal-Kapaċità u l-Appoġġ lid-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem organizzati mill-FRA u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR).

6.2 Il-komunikazzjoni u l-avvenimenti tal-EASO

L-ilħuq tal-Midja Soċjali

Il-preżenza tal-EASO fuq il-midja soċjali kompliet tikber. Ġiet irrapportata żieda drammatika fl-ilħuq tal-Midja Soċjali, enfasizzata bl-ilħuq tal-pjattaforma ta' Twitter li laħqet 8.4 miljuni (+600 % mill-2018; +976 % mill-2017)

B'approċċ aktar immirat lejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tiegħu, l-EASO kompli jiffoka fuq it-tfassil tan-narrattiva tiegħu għal żviluppi ta' politika internazzjonali usa' sabiex l-EASO jsir aktar rilevanti għad-diskors pubbliku. Flimkien ma' użu kbir ta' kontenut awdjoviżiv konċiż u li jinftiehem (li jitbiegħed minn kontenut speċjalizzat tekniku) u użu ugwali tal-midja soċjali u tal-midja tal-massa (b'mod partikolari s-servizzi tal-aħbarijiet) bħala għodda biex tintlaħaq udjenza akbar, l-EASO rreġistra titjib qawwi fl-ilħuq tal-prodotti ta' komunikazzjoni tiegħu. Din kienet it-tieni sena ta' tranżizzjoni minn komunikazzjoni teknika speċjalizzata għal strateġija li tiffoka fuq attivitajiet aktar "kummerċjali" tal-EASO, jiġifieri dawk li jagħmluha aktar rilevanti għal udjenza usa'. Dawn jinkludu l-operazzjonijiet tal-EASO u x-xejriet tal-asil/tal-prodotti tad-*data* tiegħu. Dan laħaq il-quċċata tiegħu fil-finalizzazzjoni tal-istrateġija

I-ġdida ta' komunikazzjoni tal-EASO fl-aħħar tas-sena, li għandha tidħol fis-seħħ uffiċjalment fl-2020.

Minbarra ż-żieda notevoli fl-ilħuq, iż-żieda fir-rikonossiment tal-EASO kienet evidenti wkoll fiż-żieda ta' talbiet għal sqarrijiet għall-istampa, mistoqsijiet mill-pubbliku ġenerali, u żjarat fiżiċi lill-EASO stess. L-EASO kien involut ħafna wkoll fil-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni tiegħu ma' Aġenziji oħra tal-ĠAI kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea, sabiex jiżgura narrativi sinerġistiċi.

Aktar ma l-EASO qed ikompli jikber, aktar qed jiżjed l-għadd ta' avvenimenti ġestiti mill-EASO. Biex jittaffa l-piż amministrattiv u jiġi żgurat rispons kontinwu għall-ħtiġijiet li qed jikbru, qed jiġu kkunsidrati għodod ġodda li jiffaċilitaw il-ġestjoni ta' avvenimenti futuri.

6.3 Ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

L-EASO żamm relazzjonijiet mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tiegħu, sabiex jiżgura l-ogħla livell possibbli ta' kooperazzjoni, koordinazzjoni u fluss ta' informazzjoni xieraq. Saru laqgħat mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, minn laqgħat bilaterali ma' Ministri, laqgħat organizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE, Aġenziji tal-UE, in-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI, jew in-Network tal-Aġenziji tal-UE. Saru wkoll laqgħat ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali, inklużi l-UNHCR, l-IOM, l-IGC u l-ICMPD.

Fil-kwartieri ġenerali tiegħu f'Malta, l-EASO ospita wkoll firxa ta' żjarat, minn delegazzjonijiet ta' livell għoli għal laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASO, rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, laqgħat tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, u żjarat ta' studju, fost oħrajn.

Bil-parteċipazzjoni tiegħu f'numru dejjem jikber ta' avvenimenti strateġiċi u laqgħat bilaterali mal-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha u bl-organizzazzjoni tagħhom, l-EASO espanda l-viżibbiltà tal-EASO u l-ħidma tiegħu, żied is-sensibilizzazzjoni dwar ir-reqwiżiti u l-isfidi li qed jiffaċċja, ikkontribwixxa għarfien u kompetenza għall-politika bbażata fuq l-evidenza u t-teħid tad-deċiżjonijiet, u saħħaħ il-kredibbiltà tal-EASO, filwaqt li kkonsolida r-relazzjonijiet eżistenti mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u bena oħrajn ġodda.

Minbarra l-parteċipazzjoni attiva tiegħu fil-laqgħat tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI u n-Network

tal-Aġenziji tal-UE, li fost l-oħrajn ippermettiet il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki f'diversi setturi, l-EASO kompli wkoll jikkollabora b'mod attiv ma' Aġenziji oħra tal-ĠAI permezz ta' konsultazzjonijiet dwar, u kontributi f'dokumenti, rapporti u prodotti, bħal fl-iżvilupp ta' moduli tat-taħriġ, gwidi prattiċi, u rapporti konġunti.

Komplew isiru laqgħat regolari mal-uffiċċju ta' kollegament tal-UNHCR għall-EASO f'Malta, kif ukoll skambju regolari ta' informazzjoni. L-UNHCR ġie kkonsultat dwar diversi prodotti tal-EASO, skont ir-Regolament tal-EASO u l-Arranġament ta' Ħidma bejn l-EASO u l-UNHCR. F'Diċembru 2019, l-EASO pparteċipa b'mod attiv ukoll fil-Forum Globali dwar ir-Refuġjati.



L-EASO kompli jżid ukoll il-preżenza tiegħu fin-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN), permezz ta' parteċipazzjoni konsistenti u impenn attiv fil-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-EMN u fil-Laqqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u fil-proċessi ta' konsultazzjoni.

Il-formalizzazzjoni tal-kooperazzjoni:

- | Ftehim ta' Ospitalità ffirmat bejn l-EASO u l-awtoritajiet Ċiprijotti fid-19 ta' Settembru 2019, li jipprevedi ċarezza legali għall-istatus tal-EASO f'Ċipru, inkluż dak tal-persunal u l-ħaddiema tiegħu.
- | Diskussjonijiet avanzati għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Ospitalità għal Uffiċċju Operazzjonali tal-EASO fil-Greċja (iffirmat fit-28 ta' Jannar 2020).
- | Arranġament ta' Ħidma ffirmat bejn l-EASO u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas ta' kooperazzjoni dwar oqsma rilevanti ta' Ħidma u interess reċiproku.

| Pjan ta' Kooperazzjoni bejn l-EASO u l-Frontex għall-2019-2021 iffirmit fit-18 ta' Lulju 2019 f'Helsinki. Il-Pjan emenda u ssostitwixxa l-Pjan ta' Kooperazzjoni preċedenti bbażat fuq l-Arranġament ta' Ħidma bejn l-EASO u l-Frontex għall-2012 u stabbilixxa għadd ta' azzjonijiet ewlenin possibbli f'oqsma ta' kooperazzjoni bħal operazzjonijiet, informazzjoni u analiżi, bini tal-kapaċità (taħriġ) kif ukoll kooperazzjoni orizzontali f'oqsma bħad-drittijiet fundamentali, ir-reklutaġġ, l-akkwist u l-loġistika.

7. Governanza

Fil-31 laqgħa tiegħu li saret fi Frar 2019, il-Bord tat-Tmexxija tal-EASO ħatar lis-Sa Nina Gregori bħala d-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-EASO. Is-Sa Gregori bdiet il-kariga tagħha f'Ġunju 2019. F'din l-istess laqgħa, il-Bord eleġġa wkoll il-President il-ġdid tiegħu, Dr David Costello, Membru tal-Bord mill-Irlanda, u eleġġa lil Mikael Ribbenvik, Membru tal-Bord mill-Iżvezja, bħala Viċi President.

Fi sforz ulterjuri biex jissafha l-proċessi ta' governanza tal-EASO, fis-26 ta' Novembru 2019, id-Direttur Eżekuttiv tal-EASO, is-Sa Nina Gregori ppreżentat **organigramma ġdida għall-EASO** lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni tagħha. L-istruttura l-ġdida daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020 (irreferi għall-Anness A.I. hawn taħt).

Ir-ristrutturar kellu jirrifletti tliet oqsma prijoritarji identifikati għall-EASO: it-tiŝiħ tar-rwol operazzjonali tal-EASO; l-intensifikar tal-attivitajiet ta' taħriġ u tal-iżvilupp professjonali għall-esperti fil-qasam tal-asil; u l-konferma tar-rwol tal-EASO bħala ċentru veru ta' għarfien u kompetenza dwar l-asil bil-produzzjoni ta' għodod ta' gwida, u ħidma mtejba fl-istatistika, l-analiżi u r-riċerka.

It-tliet attivitajiet ewlenin mibnija fi tliet ċentri separati ta' kompetenza, għarfien u żvilupp: ċentru ta' appoġġ operazzjonali (C1); ċentru ta' taħriġ u żvilupp professjonali (C2); u ċentru ta' għarfien dwar l-asil (C3).

L-istruttura organizzattiva l-ġdida tiffoka wkoll fuq it-tiŝiħ tal-Uffiċċju Eżekuttiv u r-responsabbiltajiet tiegħu li jkopru l-ippjanar u r-rappurtar korporattiv, l-affarijiet legali u l-protezzjoni tad-*data*, il-kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju, u l-ġestjoni tal-kwalità.

Pass importanti u milqugħ tajjeb li sar fl-2019 kien l-istabbiliment mill-ġdid tal-*funzjoni legali* fi ħdan l-EASO, u hemm pjanijiet għal tiŝiħ ulterjuri tal-funzjoni tiegħu permezz ta' riżorsi addizzjonali pplanati għall-2020. Ittieħdet ukoll azzjoni biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament dwar il-*Protezzjoni tad-Data*. Il-proċessi l-ġodda tal-protezzjoni tad-*data* previsti fir-regolament futur tal-EUAA se jeħtieġu kontrolli miżjuda (meta mqabbla mar-Regolament attwali tal-EASO) biex jiżguraw il-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*.

L-EASO qed ikompli jaġmel ħiltu biex ikun hemm konformità sħiħa mal-prinċipji ta' *kontroll intern*, u jwettaq valutazzjonijiet regolari biex ikejjel l-effikaċja u jtejjeb aktar l-effiċjenza tas-sistema ta' kontroll intern tiegħu. L-implimentazzjoni tal-qafas ta'

kontroll intern hija msaħħa bil-funzjoni ta' kontrolli *ex post*, li tikkontribwixxi għall-effettività ġenerali tal-qafas ta' kontroll intern billi jitwettqu awtovalutazzjonijiet u rieżamijiet annwali, kif prijoritizzat fil-programm annwali ta' kontrolli *ex post*. Sabiex tintlaħaq l-aspettattiva mill-qafas ta' kontroll intern, l-EASO żviluppa wkoll proċedura dwar *il-ġestjoni tar-riskju* sabiex jidentifika, jivvaluta u jirreaġixxi għal kwistjonijiet potenzjali li jistgħu jaffettwaw l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-EASO u l-ksib tal-oġġettivi tiegħu.

B'enfasi fuq is-simplifikazzjoni tal-*ġestjoni tal-kwalità* fl-attivitajiet tal-EASO, ġew introdotti miżuri bħala rispons għar-reqwiziti u l-prinċipji li joħorġu mill-qafas applikabbli, u f'konformità mal-prinċipji tal-kontroll intern.

L-EASO jkompli jaħdem fuq l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex jindirizza *s-sejbiet tal-awditjar* imwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni Ewropea, u biex jimmonitorja u jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet sal-iskadenzi maqbula. Tingħata wkoll prijorità lill-*kapaċitajiet korporattivi tal-ippjanar, il-monitoraġġ u r-rappurtar*, inklużi t-tbassir, il-prijoritizzazzjoni u l-eżerċizzji ta' pplanar ta' kontinġenza. Fl-2020 se tiġi implimentata wkoll dimensjoni ta' sigurtà korporattiva.

L-EASO kompli jaħdem mill-qrib mal-Bord ta' Tmexxija tiegħu matul is-sena, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' miżuri mfassla biex isaħħu l-mezzi ta' komunikazzjoni. Minn Ġunju 2019, ġiet stabbilita proċedura għal rappurtar trimestrali lill-Bord ta' Tmexxija biex jinżamm rekord tal-progress lejn oġġettivi predefiniti fl-oqsma kollha ta' governanza, speċifikament: fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-EASO; ir-Riżorsi Umani; l-Involvement tal-Persunal; il-Kontroll Intern; l-Akkwist; u l-Baġit u l-Finanzi. L-ewwel rapport ta' dan it-tip ġie ppreżentat lill-Bord ta' Tmexxija f'Ottubru 2019 skont id-Deċiżjoni MB Nru 53, li aktar tard tħassret bid-Deċiżjoni MB 60.

F'konsultazzjoni mill-qrib mal-President u l-membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-EASO, id-Direttur Eżekuttiv irrappreżentat lill-EASO f'diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew, mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Kunsill fil-kuntest ta' diskussjonijiet dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-EASO għas-sena finanzjarja 2018. Fil-perjodu ta' qabel id-deċiżjoni meħuda mill-Parlament Ewropew f'Mejju 2020, id-Direttur Eżekuttiv ikkomunikat

bil-miftuħ mal-membri tal-Parlament Ewropew dwar miżuri korrettivi meħuda mill-EASO bħala segwitu għall-kwittanza tal-2017 kif ukoll biex tirraporta dwar l-implimentazzjoni u l-progress tar-rakkomandazzjoni li ħarġet mir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018.


*** Fil-ħin tal-kitba, il-Parlament Ewropew iddeċieda fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 li jagħti kwittanza lill-EASO fir-rigward tal-baġit tiegħu tal-2018.*

Annessi

A.I: L-organigramma tal-EASO

tal-EASO fis-26 ta' Novembru 2019, u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

L-organigramma ta' hawn taħt tirrappreżenta l-istruttura l-għda approvata mill-Bord ta' Tmexxija



A.II: Il-baġit tal-EASO fl-2019

Tabella A.1: Implimentazzjoni tal-baġit ta' Approprjazzjonijiet ta' Impenji (AI) għal kull sors tal-finanzjament

Titolu tal-baġit	Sors tal-finanzjament	AI bbaġitjati (€)	AI implimentati (€)	AI (%)
Titolu 1 — Spejjeż tal-persunal	C1	27 285 300.00	24 816 895.67	90.95
	C4	5 219.75	2 233.02	42.78
	C5	4 266.30	2 124.80	49.80
	C8	1 376 859.78	1 102 394.07	80.07
Total tat-Titolu 1		28 671 645.83	25 923 647.56	90.42
Titolu 2 — Nefqa infrastrutturali u operazzjonali	C1	12 897 200.00	12 077 824.53	93.65
	C5	4 135.43	2 903.96	70.22
	C8	4 153 515.45	3 784 382.55	91.11
	R0	10 213.40	698 192.85	0.00
Total tat-Titolu 2		17 065 064.28	15 865 111.04	92.97
Titolu 3 — Nefqa operazzjonali	C1	56 503 500.00	55 167 741.33	97.64
	C4	7 631.33	-	0.00
	C5	21 082.00	17 818.59	84.52
	C8	20 217 720.39	18 109 592.38	89.57
	R0	14 412 811.42	5 149 194.56	35.73
Total tat-Titolu 3		91 162 745.14	78 444 346.86	86.05
Titolu 4 — Proġetti esterni oħrajn	R0	941 530.00	564 865.58	59.99
Total tat-Titolu 4		941 530.00	564 865.58	59.99
AI totali		137 840 985.25	120 797 971.04	87.64


Tabella A.2: Implimentazzjoni tal-baġit ta' Approprjazzjonijiet ta' Pagamenti (AP) għal kull sors ta' finanzjament

Titolu tal-baġit	Sors tal-finanzjament	AP ibbaġitjati (€)	AP ikkonsmati (€)	AP (%)
Titolu 1 — Spejjeż tal-persunal	C1	27 285 300.00	22 866 865.65	83.81
	C4	5 219.75	2 233.02	42.78
	C5	4 266.30	2 124.80	49.80
	C8	1 376 859.78	1 102 394.07	80.07
Total tat-Titolu 1		28 671 645.83	23 973 617.54	83.61
Titolu 2 — Nefqa infrastrutturali u operazzjonali	C1	12 897 200.00	7 883 835.19	61.13
	C5	4 135.43	2 903.96	70.22
	C8	4 153 515.45	3 784 382.55	91.11
	R0	10 213.40	698 192.85	0.00
Total tat-Titolu 2		17 065 064.28	11 671 121.70	68.39
Titolu 3 — Nefqa operazzjonali	C1	56 503 500.00	56 130 198.64	99.34
	C4	7 631.33		0.00
	C5	21 082.00	21 082.00	100.00
	R0	14 412 811.42	3 599 471.97	24.97
Total tat-Titolu 3		70 945 024.75	59 750 752.61	84.22
Titolu 4 — Proġetti esterni oħrajn	R0	941 530.00	344 533.48	36.59
Total tat-Titolu 4		941 530.00	344 533.48	36.59
AP Totali		117 623 264.86	95 740 025.33	81.40

A.III. Il-persunal tal-EASO

Graff A.1: Distribuzzjoni ġeografika tal-persunal tal-EASO fil-31.12.2019

28 nazzjonalità kienu rappreżentati fil-31.12.2019.



Graff A.2: Distribuzzjoni tal-persunal tal-EASO fil-31.12.2019 skont il-ġeneru



Kif tikkuntattja lill-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Kif issib tagħrif dwar l-UE

Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://op.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

Data Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Data Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-*data* mill-UE. Id-*data* tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea